



Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa



www.healthy-workplaces.eu

Premjijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa **2014–2015**

Il-ġestjoni tal-istress u tar-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol



Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib it-tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.

Numru tat-telefown bla ħlas (*): 00 800 6 7 8 9 10 11

(*) L-informazzjoni li tingħata hija bla ħlas kif inhuma ħafna mit-telefonati (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbuk tħallas).

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

ISBN 978-92-9240-601-1

doi:10.2802/63161

L-illustrazzjonijiet ġew provduti mill-konkorrenti rebbieħa

© Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li s-sors ikun rikonoxxut.

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), ibbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

Werrej

Introduzzjoni 5

Eżempji ppremjati 7

Il-Belġju, Siemens	7
Prevenzjoni ta' eżawriment u stress biex jinkisbu "Ħajjiet f'Bilanċ"	
Id-Danimarka, Lån & Spar Bank	9
Bank in Motion — involviment ta' manigiers u ħaddiema għat-titjib fil-benesseri fuq il-post tax-xogħol	
Il-Ġermanja, Daimler AG	11
Lejn stabbiltà interna — tnaqqis fl-assenteiżmu u żieda fis-sodisfazzjon tax-xogħol fis-settur tal-manifattura	
Il-Ġermanja, Deutsche Post DHL Group	13
Ġestjoni globali ta' stress fi rwoli ta' xogħol postali eżiġenti	
Spanja, Hotel Colón, S.A.	15
Il-maniġment u l-persunal tal-lukanda jaħdmu flimkien biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol	
Il-Pajjiżi l-Baxxi, Schuberg Philis	17
Kultura ta' onestà u trasparenza fl-esternalizzazzjoni tal-IT = riżultat 100 %	
Il-Polonja, Spettorat Reġjonali tas-Servizz tal-Ħabs f'Koszalin	19
Komunikazzjoni aħjar, riżoluzzjoni ta' kunflitti u ġestjoni tal-istress fost l-uffiċjali tal-ħabs	
Is-Slovenja, Zavarovalnica Triglav, d.d.	21
Teħid ta' rwol ewlieni dwar ir-riskji psikosoċjali fl-assigurazzjoni	
Is-Slovakkja, U. S. Steel Košice, s.r.o.	23
Post tax-xogħol mingħajr stress = post tax-xogħol mingħajr korrimenti fil-manifattura tal-azzar	
Il-Finlandja, Fastems Oy Ab	25
Kura = kondivizzjoni — approċċ parteċipattiv biex jiġi trattat l-istress fost l-inġiniera	
Ir-Renju Unit, Nottingham City Homes	27
Politiki u proċeduri parteċipattivi u proattivi	

Eżempji ta' tifħir 29

Il-Belġju, VitaS	29
Involvement, parteċipazzjoni u komunikazzjoni aħjar f'organizzazzjoni ta' kura għall-anzjani	
Id-Danimarka, Boligkontoret Aarhus, AAB Aarhus AAB and ESL	31
Sikurezza u sigurtà — parti naturali ta' xogħol f'assoċjazzjoni tad-djar	
Il-Greċja, Ċentru ta' Prevenzjoni ta' Riskji fuq il-Post tax-Xogħol (KE.P.E.K.) taċ-Ċentru tal-Greċja u l-Muniċipalità ta' Chalkida	33
Evalwazzjoni u ġestjoni tar-riskju ta' stress relatat max-xogħol fis-settur tal-ġbir tal-iskart	
Spanja, ACCIONA ENERGIA	35
Pjan komprensiv għall-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali	
Franza u Spanja, Airbus	37
Miżuri differenti ta' prevenzjoni ta' stress relatat max-xogħol għal sitwazzjonijiet differenti għand manifattur globali ta' inġenji tal-ajru	
Franza, Schneider Electric	39
Miżuri ta' prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali fi grupp industrijali internazzjonali kbir	
L-Italja, Cofely Italia SpA	41
Implimentazzjoni ta' inċentivi ta' kumpanija biex jitnaqqsu l-istress u r-riskji psikosoċjali	
Malta, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru	43
Programm komprensiv għall-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali fl-amministrazzjoni tal-gvern	
Il-Portugall, L-Istitut tal-Onkoloġija Portugiż (O Porto)	45
Approċċ organizzattiv għall-ġestjoni preventiva ta' riskji psikosoċjali	
Is-Slovakkja, Slovnaft, a.s.	47
Ġestjoni effiċjenti ta' riskji psikosoċjali f'kumpanija petrokimika	
Il-Finlandja, L-Isptar tad-Distrett ta' Satakunta	49
Xogħol tajjeb! Azzjoni għall-benesseri fuq ix-xogħol	
It-Turkija, Fabbrika TOFAŞ, Bursa	51
Approċċ komprensiv biex jiġu eliminati r-riskji psikosoċjali	

Introduzzjoni

Il-Premijijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa kienu organizzati mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) bħala parti mill-kampanja 2014–2015 Inqas Stress għal Aktar Saħħa fuq ix-Xogħol. Il-Premijijiet ta' Prattika Tajba 2014–15 kellhom l-għan li jenfasizzaw eżempji ewlenin ta' kumpaniji jew organizzazzjonijiet li b'mod attiv jiġġestixxu l-istress u r-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol.

Il-premijijiet jirrikonoxxu kontribuzzjonijiet straordinari u innovattivi u impenn qawwi ta' ġestjoni u approċċ parteċipattiv meta jiġu trattati r-riskji psikosoċjali. Permezz tal-kompetizzjoni, EU-OSHA tippromwovi soluzzjonijiet ta' prattika tajba fuq il-post tax-xogħol u taqşam informazzjoni dwar prattiki tajba fl-Ewropa.

B'kollox ġew riċevuti 55 applikazzjoni, inkluż 48 applikazzjoni nazzjonali (minn 26 pajjiż) u seba' applikazzjonijiet minn lmsieħba Uffiċjali tal-Kampanja. Kienu rappreżentati organizzazzjonijiet ta' kull daqs (inklużi 12-il kumpanija żgħira) minn varjetà wiesgħa ta' setturi ekonomiċi.

Bord ta' Evalwazzjoni — il-ġurija tal-Premijijiet ta' Prattika Tajba tal-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa, inklużi r-rappreżentanti tal-erba' gruppi ta' interess tal-Bord Governattiv tal-EU-OSHA u esperti fis-suġġett — ivvalida u evalwa l-eżempji sottomessi u għażel ir-rebbieħa tal-premijijiet u l-eżempji ta' tifħir.

L-importanza tal-ġestjoni tal-istress u r-riskji psikosoċjali

Ir-riskji psikosoċjali jirriżultaw minn organizzazzjoni u ġestjoni ħżiena tax-xogħol, kif ukoll minn kuntest soċjali dgħajef fuq il-post tax-xogħol. Ir-riskji jinkludu ammonti eċċessivi ta' xogħol, nuqqas ta' sigurtà tax-xogħol, fastidju u vjolenza, fost l-oħrajn. Dawn ir-riskji, kif ukoll in-nuqqas ta' riżorsi u appoġġ adegwati, jistgħu jwasslu biex il-ħaddiema jesperjenzaw l-istress, li jwassal għal deterjorament fil-funzjonament tagħhom ġewwa u barra x-xogħol u, jekk jitwal, jista' jwassal għal problemi ta' saħħa mentali u fiżiċi serji, bħal eżawrimet, dipressjoni, mard kardjovaskulari jew uġigħ fid-dahar.

Stħarriġ tal-Ewrobarometru mill-Kummissjoni Ewropea⁽¹⁾ sab li 53 % tal-ħaddiema jemmnu li l-istress huwa r-riskju ewleni għas-sigurtà u s-saħħa li jiffaċċjaw fuq il-post tax-xogħol u 27 % tal-ħaddiema rrapportaw li esperjenzaw "stress, dipressjoni, ansjetà" li ġew ikkawżati jew iggravaw minħabba xogħol waqt l-aħħar 12-il xahar.

Ambjent ta' xogħol psikosoċjali batut jista' jkollu wkoll effetti negattivi fuq organizzazzjonijiet kif ukoll fuq ekonomiji nazzjonali. Żieda fl-assenteiżmu u l-preżenteiżmu

(ħaddiema li jidħlu għax xogħol meta jkunu morda u ma jkunux jistgħu jaħdmu b'mod effettiv) minħabba mard relatat mal-istress, kif ukoll żieda fir-rati ta' aċċidenti u korrimenti li jiġu kkawżati, pereżempju, minn ħidma aktar mgħaġġla taħt pressjoni, jista' jwassal biex negozju jew organizzazzjoni jkollhom spejjeż sinifikanti. Fil-livell nazzjonali, l-ispiża għan-negozji u s-soċjetà hija stmata li tlaħħaq il-biljuni ta' ewro.

Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' fehim kbir u sensitività rigward ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, u għad hemm stigma rigward is-saħħa mentali. L-Istħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER)⁽²⁾ sab li aktar minn 40 % ta' dawk li jħaddmu jsibuha aktar diffiċli li jiġġestixxu r-riskji psikosoċjali mir-riskji "tradizzjonali" ta' saħħa u sigurtà okkupazzjonali.

Inqas Stress għal Aktar Saħħa fuq ix-Xogħol

Numru sinifikanti ta' maniġers mistħarrġa fl-Ewropa permezz tal-ESENER (79 %) irrapportaw li huma mħassba dwar l-istress fuq il-postijiet tax-xogħol tagħhom, iżda inqas minn 30 % irrapportaw li għandhom proċeduri fis-seħħ biex jitrattaw riskji psikosoċjali. Madankollu, il-ġestjoni ta' riskji psikosoċjali huwa neċessarju u possibbli f'kumpaniji ta' kull daqs, u jista' jsir bl-użu tal-istess prinċipji li jiġu applikati għall-ġestjoni ta' kwalunkwe riskju ieħor ta' sigurtà u saħħa.

Għaldaqstant, din il-kampanja għandha l-għan li tintroduċi sensibilizzazzjoni dwar l-istress u r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, ittejjeb il-fehim tal-kwistjoni u tipprovi appoġġ u gwida għal min iħaddem u l-ħaddiema biex jitrattaw dawk ir-riskji b'mod effettiv.

Hija r-responsabbiltà u l-obbligu legali ta' min iħaddem li jevalwa u jiġġestixxi r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Huwa essenzjali li l-maniġers ikunu impenjati biex jitrattaw l-istress u jinvolvu l-ħaddiema fl-identifikazzjoni tar-riskji u l-ippjanar u l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet. It-titjib fl-ambjent tax-xogħol għandu dejjem jiġi kkunsidrat u implimentat l-ewwel, qabel il-miżuri individwali. Ambjent tax-xogħol ta' appoġġ u djalogu miftuħ bejn il-maniġers u l-ħaddiema huwa partikolarment importanti għal riskji psikosoċjali peress li dawn irawmu klima ta' fiduċja fejn il-ħaddiema jistgħu jħossuhom komdi jqajmu kwistjonijiet. Barra minn hekk, fehim tad-diffikultajiet barra mill-post tax-xogħol, għalkemm mhuwiex responsabbiltà legali, jista' jgħin joħloq ambjent tax-xogħol psikosoċjali tajjeb.

Bħal kull riskju ieħor ta' sigurtà u saħħa okkupazzjonali, il-prevenzjoni hija l-aktar mod effettiv biex jiġu trattati r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Ladarba l-istress relatat max-xogħol u l-problemi tas-saħħa jistabbilixxu

⁽¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, 2014. Ewrobarometru 398 "Kundizzjonijiet tax-Xogħol". Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_398_sum_en.pdf

⁽²⁾ Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2010. L-Istħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER). Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/esener-enterprise-survey/enterprise-survey-esener>

rwieħhom, ħafna drabi l-assenteiżmu jkun diġà qed jidied u għaldaqstant jibdeu jonqsu l-produttività u l-innovazzjoni. Għaldaqstant, huwa kruċjali li jkun hemm pjan u antiċipazzjoni tal-problemi.

Il-benefiċċji tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali huma wiesgħa. Għall-ħaddiema dawn ifissru titjib fil-benesseri u fis-sodisfazzjon tax-xogħol. Għall-manigġers, dawn ifissru persunal b'saħħtu, motivat u produttiv. Għall-organizzazzjonijiet, titjib fil-prestazzjoni globali, tnaqqis fl-assenteiżmu u fil-preżenteiżmu, tnaqqis fir-rati ta' aċċidenti u korrimenti u żamma akbar ta' ħaddiema jistgħu jirriżultaw kollha minn tnaqqis tal-istress relatat max-xogħol. U fl-aħħar, tnaqqis fl-ispejjeż u fil-piżijiet fuq l-individwi u s-soċjetà sħiħa huma benefiċċji importanti ħafna.

Rikonoxximent ta' prattika tajba – dak li l-ġurija kienet qed tfittex

Meta ġew magħżula eżempji ta' prattika tajba, il-ġurija kienet qed tfittex eżempji ta':

- ġestjoni ġenwin u effettiv tar-riskji psikosoċjali u tal-istress relatat max-xogħol;
- filwaqt li tiġi kkunsidrata d-diversità tal-ħaddiema;
- parteċipazzjoni u involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom;
- l-implimentazzjoni b'suċċess tal-interventi fuq il-post tax-xogħol;
- titjib reali u viżibbli fis-saħħa u s-sigurtà;
- is-sostenibbiltà tal-interventi fuq tul ta' snin;
- it-trasferibbiltà għal postijiet tax-xogħol oħrajn, inklużi lejn dawk fi Stati Membri oħrajn u għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Każijiet rebbieħa u ta' tifħir

L-applikazzjonijiet ippremjati u ta' tifħir huma ppreżentati f'dan il-fuljett. Kull eżempju jagħti l-kwistjonijiet affaċċjati, il-miżuri meħuda u r-riżultati miksuba. L-applikazzjonijiet jaslu minn kumpaniji kemm kbar kif ukoll żgħar (anqas minn 100 ħaddiem), kif ukoll mill-Imsieħba Uffiċjali tal-Kampanja — organizzazzjonijiet multinazzjonali li jappoġġjaw il-kampanja.

Firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet irċewew premju. Mill-Ġermanja, kampanja globali għall-ġestjoni tal-istress tmexxiet minn kumpanija postali u loġistika ewlenija filwaqt li fid-Danimarka, ġie trattat il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fis-settur finanzjarju ta' pressjoni għolja. Kumpanija ta' esternalizzazzjoni tal-IT fil-Pajjiżi l-Baxxi tikkunsidra l-kultura tagħha ta' onestà u trasparenza bħala importanti ħafna fil-kisba tar-riżultat tagħha garantit ta' 100 % fit-twassil ta' sistemi tal-IT u t-tnaqqis tal-istress, u manifattur Slovakk tal-azzar qed jimmira għal post

tax-xogħol mingħajr korrimenti billi joħloq ambjent ta' xogħol mingħajr stress. Inizjattivi ta' suċċess twettqu wkoll minn intrapriżi żgħar. Lukanda Spanjola qed ittejjeb l-influenza u r-rikonoxximent tal-ħaddiema permezz ta' laqgħat parteċipattivi u evalwazzjonijiet, u servizz ta' ħabs fil-Polonja jmexxi sessjonijiet ta' ħidma u sessjonijiet ta' taħriġ ta' ħiliet dwar il-ġestjoni ta' riskji psikosoċjali f'sitwazzjonijiet differenti.

Il-postijiet tax-xogħol kollha għandhom il-problemi speċifiċi tagħhom u s-soluzzjonijiet għandhom ikunu mfassla skont dawn il-problemi. Madankollu, l-ideat u l-kunċetti li jidhru f'dan il-fuljett jistgħu jiġu adattati u personalizzati għall-ħtiġijiet ta' organizzazzjonijiet ta' kwalunkwe daqs, fi kwalunkwe settur, fl-Istati Membri kollha.

Aktar informazzjoni

Is-sit web tal-EU-OSHA (<https://osha.europa.eu>) fih ġabra prezzjuża ta' informazzjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol f'aktar minn 20 lingwa.

Dettalji dwar il-kampanja Inqas Stress għal Aktar Saħħa fuq ix-Xogħol jistgħu jinstabu fuq www.healthy-workplaces.eu

Il-pubblikazzjonijiet kollha tal-EU-OSHA jistgħu jitniżżlu mingħajr ħlas minn <https://osha.europa.eu/en/publications>

Rikonoxximenti

L-EU-OSHA tixtieq tiringrazzja n-netwerk tagħha ta' punti ċentrali fl-Istati Membri, iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-pajjiżi kandidati (l-awtoritajiet kompetenti, jew korpi nominati minnhom, responsabbli għas-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali) għall-evalwazzjoni u n-nominazzjoni ta' eżempji għall-Premijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol. Il-kompetizzjoni ma kinitx tkun possibbli mingħajr l-assistenza tagħhom.

L-EU-OSHA tixtieq tiringrazzja wkoll lill-ġurija tal-Premijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol għall-kontribut tagħhom: il-President, Peter Kelly tal-Eżekuttiv għas-Saħħa u s-Sigurtà fir-Renju Unit, u l-membri tal-ġurija, Francisco Jesús Álvarez mill-Kummissjoni Ewropea — DG Impjegi Soċjali u Opportunitajiet Indaq; Jan Kahr Frederiksen tat-trejdjunjin Daniża FTF; Eckhard Metze tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sigurtà Okkupazzjonali u l-Istandardizzazzjoni fil-Ġermanja; u Hannu Stalhammar mill-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa fil-Finlandja.

L-aħħar u mhux l-inqas, tiringrazzja lill-organizzazzjonijiet kollha li pparteċipaw fil-Premijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa 2014–2015, b'ringrazzjament speċjali lil dawk li jissemew f'din il-pubblikazzjoni.

Prevenzjoni ta' eżawriment u stress biex jinkisbu "Ħajjiet f'Bilanċ"



Siemens, il-Belġju

www.siemens.com



Il-kwistjoni

Siemens hija kumpanija tat-teknoloġija li topera globalment iżda għandha l-għan li tindirizza l-ġestjoni tas-saħħa fuq skala globali u lokali. Minn sħarriġ globali reċenti dwar il-ġestjoni tas-saħħa u r-riskji psikosoċjali li twettaq fuq skala lokali fil-Belġju nstab li, madwar 16 % tal-ħaddiema jesperjenzaw livelli għoljin ta' stress. Sigħat ta' xogħol irregolari jew twal, inkwiet dwar is-sigurtà tax-xogħol, l-impatt tal-iżbalji u l-intensità tax-xogħol ġew identifikati bħala riskji partikolari.

L-azzjoni meħuda

Evalwazzjonijiet u feedback globali mill-organizzazzjonijiet ta' Siemens f'aktar minn 70 pajjiż wasslu għall-iżvilupp ta' "Ħajja f'Bilanċ" (LiB) — metodoloġija għall-kumpanija kollha bbażata fuq ħames taqsimiet li ġew identifikati bħala essenzjali għall-ġestjoni b'suċċess ta' riskji psikosoċjali u riżorsi: taġġir, involviment fit-tmexxija, komunikazzjoni, taħriġ u l-Programm ta' Assistenza għall-ħaddiem (EAP). LiB, bħala parti importanti mill-programm ġenerali Fit@Work għall-Ġestjoni tas-Saħħa, ġiet implimentata fil-Belġju mill-2013 u l-aktar miżuri xierqa għall-fatturi tar-riskju tagħhom ġew magħżula u adattati sabiex jakkomodaw il-kultura lokali u l-kundizzjonijiet tal-kumpanija.

Ġew identifikati fatturi tar-riskju għall-eżawriment/stress u livell għoli ta' stigmatizzazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet. Sabiex ikun hemm aktar sensibilizzazzjoni u titneħħa l-istigma fuq dawn il-kwistjonijiet, inħoloq vidjow mill-perspettiva ta' manager affettwat li offra li jaqsam l-esperjenza tiegħu. Inħoloq ukoll vidjow bl-istruzzjonijiet biex jippermetti taqsimiet oħra globalment jieħdu approċċ simili u jiżviluppaw vidjows "edukattivi".

Biex jitjiebu l-involvement u l-għarfien fit-tmexxija, isir taħriġ dwar il-ġestjoni tal-istress għall-maniġers u jsiru seminars dwar is-saħħa mifruxa fuq jumejn, immirati lejn il-persunal managerjali. Iż-żewġ inizjattivi jippromwovu s-saħħa u jenfasizzaw il-possibilitajiet għal appoġġ fir-rigward tal-prevenzjoni kif ukoll ir-riabilitazzjoni. Ĥaddiema interessati mingħajr ir-responsabbiltà ta' persunal huma mistiedna wkoll biex jattendu u dawn il-ħaddiema jikkontribwixxu b'perspettiva ta' valur.

Biex titjieb il-komunikazzjoni, fl-2013 ġie stabbilit in-Network Soċjali Siemens. Fil-Belġju, ġie stabbilit il-grupp Fit@Work f'dan in-network u llum huwa komunità attiva ta' ħaddiema, esperti tas-saħħa u membri volontarji li jiddiskutu, fost suġġetti oħra relatati mas-saħħa, kwistjonijiet ta' stress u psikosoċjali.

L-inkwiet dwar is-sigurtà tax-xogħol f'Siemens, il-Belġju ġew indirizzati permezz tal-Indiċi ta' Impjegabbiltà. Din hija għodda li permezz tagħha jinħolqu pjanijiet individwali ta' żvilupp u jiġu proposti taqsimiet ta' taġġir fuq perjodu twil. Jiġu żvelati toroq xierqa għal kull ħaddiem.

Fl-aħħar, madwar 66 % tal-ħaddiema ta' Siemens madwar id-dinja għandhom aċċess għall-EAP. Abbażi ta' evalwazzjoni tar-riskju lokali reċenti u sħarriġ globali dwar EAPs, inħoloq dokumenti ta' ġestjoni ta' kwalità għall-EAPs sabiex jgħinu jtejjbu l-użu ta' dan ir-riżors ta' valur.

Bħala riżultat tal-programm LiB fil-Belġju, l-EAP eżistenti ġie rivedut and issa qed joffri appoġġ professjonali għal riskji psikosoċjali u problemi ġuridiċi lill-ħaddiema kollha u lill-membri diretti tal-familja.



Riżultati miksuba

- Is-seminars dwar il-Ġestjoni tas-Saħħa ġew gradati 1.8 fuq skala minn 1 (tajjeb ħafna) sa 6 (mingħajr użu ta' xejn), b'madwar 10 % tal-forza tax-xogħol sal-lum tattendi għas-seminars.
- Madwar 70 % tal-manigġers kollha attendew għat-taħriġ dwar il-ġestjoni tal-istress fuq bażi volontarja u 90 % tal-parteċipanti jirrakkomandaw bil-qawwa dan it-taħriġ lill-kollegi tagħhom.
- Kien hemm tnaqqis kbir fl-assenteiżmu minn meta ġie implimentat Fit@Work.
- Aktar minn 250 ħaddiem (~20 %) ingħaqdu mal-komunità tan-netwerk soċjali u nħolqu madwar 400 post relatat mas-saħħa fl-aħħar sitt xhur.
- Żieda fl-impenn fost il-manigġment u l-ħaddiema għal stil ta' ħajja b'saħħtu.
- Siemens ġiet mogħtija l-Impjegatur Belġjan tas-Sena 2014 bħala rikonoxximent għall-implimentazzjoni tal-LiB, fost inizjattivi oħra, u l-Indiċi ta' Impjegabbiltà kellu parti sinifikanti f'dan.



Aħna konvinti li huwa biss permezz ta' ġestjoni ħolistiku tas-saħħa li tista' tinkiseb is-saħħa fiżika u mentali vera.

Bank in Motion — involviment ta' maniġers u ħaddiema għat-titjib fil-benesseri fuq il-post tax-xogħol



Lån & Spar Bank, id-Danimarka

www.lsb.dk/lsb

Il-kwistjoni

Fl-ambjent ta' pressjoni għolja tas-settur finanzjarju, il-pass tax-xogħol u l-eżiġenzi huma kbar. Dan iwassal għal żieda fir-riskju tal-istress, li mbagħad jista' jwassal għal żieda fl-assenteiżmu minħabba mard. Biex tiġi trattata din is-sitwazzjoni, il-bank irid jindirizza r-riskji psikosoċjali u jappoġġja lill-ħaddiema sabiex jiksibu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, li ħafna drabi hija diffiċli fi rwoli ta' xogħol eżiġenti. Sabiex jiksibu l-għanijiet kummerċjali ambizzjużi tagħhom, il-kumpanija temmen li huwa essenzjali li jkollha ħaddiema li huma b'saħħithom u bil-ħiliet adattati.

L-azzjoni meħuda

"Bank in Motion" huwa kunċett ta' stil ta' ħajja li Lån & Spar jadotta biex jagħti l-ħiliet adattati lill-ħaddiema għal ambjent ta' pressjoni għolja. Taħt dan il-kunċett, inbnew varjetà wiesgħa ta' attivitajiet fit-taqsimiet kollha tal-kumpanija.

Biex jitnaqqas l-istress minn piżijiet għolja tax-xogħol u mill-eżiġenzi, il-bank stabbilixxa l-proġett "DO IT NOW". L-għan kien li titjieb l-effiċjenza fil-kumpanija billi l-ħaddiema jingħataw l-għodod biex ilestu x-xogħol b'mod aktar strutturat u jitnaqqas il-ħela tal-ħin. L-organizzazzjoni fissa u t-ton informali tal-bank, kif ukoll l-influwenza tal-ħaddiema fuq il-ġurnata tax-xogħol tagħhom, jgħinu wkoll biex jitnaqqas l-istress. Is-sahra ppjanata b'mod sistematiku hija speċifikament evitata sabiex l-individwi ma jkunux mgħobbija żżejjed u ġew introdotti waqfiet obbligatorji li jinvolvu attività fiżika.

Fil-"Bank in Motion" hemm enfasi qawwija fuq il-benesseri tal-ħaddiema. "The Good Life" huwa kors li jsir għall-ħaddiema li jiffoka fuq il-benesseri, il-valuri, l-attitudni



u d-drawwiet fuq il-post tax-xogħol u d-dar. Barra minn hekk, il-Kumpass tal-Benesseri hija għodda ta' djalogu li jħalli lill-ħaddiema jiddiskutu l-isfidi bħall-bulliżmu u l-piż tax-xogħol għoli. Barra minn hekk, il-maniġers kollha huma kowċis iċċertifikati kemm għall-ħajjiet privati u fuq ix-xogħol u l-ħaddiema kollha għandhom aċċess għall-iskema ta' psikologu tal-kumpanija.

Lån & Spar jemmnu wkoll li s-saħħa mentali u fiżika jmorru id f'id. L-evalwazzjonijiet dwar il-post tax-xogħol isiru kull sena b'konnessjoni mal-kontrolli tas-saħħa u dawn jintużaw biex ikunu prijoritizzati azzjonijiet fuq il-post tax-xogħol. Jekk l-assenteiżmu minħabba mard jiġi kkunsidrat barra mill-ordinarju għal xi ħaddiem, issir intervista ta' kura biex jiġi evalwat jekk l-assenza kinitx riżultat ta' kundizzjonijiet fil-bank u x'jista' jagħmel il-bank biex jgħin.

Fl-aħħar, isiru intervisti dwar l-iżvilupp tal-ħaddiema, tal-anqas darba fis-sena, li jinvolvu evalwazzjoni tal-abilitajiet tal-ħaddiema u l-ħolqien ta' pjanijiet ta' żvilupp, li jtejbju s-sodisfazzjon fix-xogħol tal-ħaddiema.

Riżultati miksuba

- Wara sena mill-kors The Good Life, 55 % tal-ħaddiema rrapportaw li l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tgieb.
- Kien hemm tnaqqis fl-istress evalwat mill-persuni nnifisha om ta' kuljum/kull ġimgħa.
- L-intervisti ta' kura rriżultaw fi tnaqqis bin-nofs tal-assenteiżmu minħabba mard/liv relatat ma' stress fil-bank.
- Fl-istħarriġ "Great Place to Work", il-bank tela' minn pożizzjoni 69 għal 20 f'erba' snin. FI-2013, 93 % tal-ħaddiema kienu sodisfatti jew sodisfatti ħafna li jaħdmu ma' Lån & Spar.
- FI-2014, l-ambjent psikoloġiku tgieb b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-2013.
- Il-kumpanija esperjenzat ukoll żieda fil-produttività, fil-qliġ u s-sodisfazzjon tal-klijent.



L-intervisti ta' kura jsiru biex ikun evalwat jekk l-assenteiżmu huwiex riżultat ta' kundizzjonijiet fil-bank u l-bank x'jista' jagħmel biex jgħin.

Lejn stabbiltà interna — tnaqqis fl-assenteiżmu u żieda fis-sodisfazzjon tax-xogħol fis-settur tal-manifattura



Daimler AG, il-Ġermanja

www.daimler.com

Il-kwistjoni

Fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni, Daimler, manifattur ta' vetturi bil-mutur, osserva żieda fil-problemi relatati ma' saħħa mentali u żieda fl-ispejjeż minħabba assenteiżmu. Bħala eżempju, l-inġiniera tal-manutenzjoni huma partikolarment f'riskju ta' stress psikosoċjali. Ix-xogħol jista' jinvolvi soluzzjoni ta' problemi kumplessi fuq varjetà ta' makkinarji, u livell għoli ta' responsabbiltà u pressjoni ta' ħin. Interruzzjonijiet waqt l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni ġew identifikati wkoll bħala kawża li żżid il-livelli tal-istress.

L-azzjoni meħuda

I, biex ikun evalwat l-istress psikoloġiku fi rwolijiet speċifiċi tax-xogħol, Daimler żviluppa proċedura ġdida għall-evalwazzjoni tar-riskju tal-istress psikoloġiku, inklużi distinzjonijiet ċari bejn fatturi esterni, pressjonijiet relatati max-xogħol determinati b'mod oġġettiv u l-effetti interni ta' dawk il-fatturi. Biex titjieb is-sitwazzjoni tax-xogħol tal-

inġiniera tal-manutenzjoni b'mod partikolari, tim imħarreġ ta' analisti, flimkien ma' superjuri mmedjati u okkupanti, eżaminaw dan ir-rwol ta' xogħol billi użaw għodda ta' analiżi standardizzata. Abbażi ta' din l-analiżi ġie deċiż li, fil-futur, is-superviżuri jipprevjenu disturbi waqt l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni u ġew organizzati mill-ġdid l-oqsma ta' responsabbiltà.

Barra minn hekk, is-servizz mediku tal-kumpanija u l-unità ta' konsulenza tal-ħaddiema, flimkien mal-imsieħba interni, nediet kampanja multimedjali bl-isem "Lejn stabbiltà interna". L-għan kien li jkun involuti kemm jista' jkun ħaddiema mil-livelli kollha tal-organizzazzjoni sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet personali ta' saħħa mentali. Il-kampanja, li damet għaddejja sena, iffukat fuq miżuri ta' prevenzjoni u inkludiet preżenza sinifikanti tal-intranet; fuljetti, posters u volantini; modulu ta' tagħlim elettroniku li jinkoraġġixxi l-awtoevalwazzjoni; korsijiet tas-saħħa dwar ir-rilassament u l-prevenzjoni tal-istress; taħdidiet minn esperti; u kwizz dwar is-saħħa, fost affarijiet oħra.



Riżultati miksuba

- L-assenteiżmu minħabba mard ġie mnaqqas b'mod sinifikanti kif ġew ukoll imnaqqsa l-ispejjeż ikkawżati mill-assenteiżmu.
- Il-ħaddiema ggradaw is-sitwazzjoni tax-xogħol tagħhom bħala suġġettivament aħjar minn qabel l-evalwazzjoni u l-impenn u s-sodisfazzjon tax-xogħol tagħhom żdied.
- Is-sit web tal-kampanja tas-saħħa ġie aċċessat aktar minn 100 000 darba u l-kwizz dwar is-saħħa kellu aktar minn 1 900 parteċipant, li għenu fis-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.
- Il-klima u l-atmosfera tax-xogħol ġew imtejba b'mod sinifikanti.
- Tjebbet il-kultura tal-maniġment fir-rigward ta' kwistjonijiet psikosoċjali.
- Il-produttività żdiedet.

L-assenteiżmu minħabba l-mard tnaqqas b'mod sinifikanti kif tnaqqsu wkoll l-ispejjeż ikkawżati mill-assenteiżmu.



Ġestjoni globali ta' stress fi rwoli ta' xogħol postali eżiġenti



Deutsche Post DHL Group, il-Ġermanja

www.dpdhl.com

Il-kwistjoni

Bħala l-grupp ewlieni postali u loġistiku dinji, il-klijenti tal-Grupp Deutsche Post DHL għandhom aspettattivi għolja tal-veloċità u l-kwalità tas-servizz tagħhom, u għaldaqstant l-eżiġenzi u l-pressjonijiet tal-ħin huma għolja. L-utilizzazzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda, il-ħidma f'taqsimiet ta' kummerċ ġodda u l-ħidma f'kuntest ta' netwerk globali huma sfidi addizzjonali għall-ħaddiema tad-DHL. Billi tħaddem madwar 200 000 ħaddiem fil-Ġermanja biss, għandha dejjem titqies il-ġestjoni tajba tal-istress fil-partijiet kollha tal-kumpanija għaż-żamma ta' servizz ta' kwalità għolja.

L-azzjoni meħuda

Fl-2013, il-Grupp Deutsche Post DHL ħareġ l-istrateġija Is-Saħħa, is-Sigurtà u l-Benesseri fejn is-saħħa mentali għandha rwol ċentrali. Varjetà ta' politiki u prinċipji li japplikaw fid-dinja kollha — inklużi l-kultura korporattiva, il-Kodiċi ta' Mgħiba, il-Politika Korporattiva tas-Saħħa u l-promozzjonijiet tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol li tnettqu b'kollaborazzjoni



mal-Kunsilli tax-Xogħlijiet — huma influwenzati minn din l-istrateġija. Fl-istess sena, il-kumpanija saret ukoll waħda mill-membri fundaturi tal-inizjattiva Ewropea "Dipressjoni fil-Mira fuq il-Post tax-Xogħol".

L-impenn tal-maniġment għas-saħħa mentali tal-ħaddiema huwa kkunsidrat essenzjali fil-Grupp Deutsche Post DHL. Għaldaqstant, fl-2012, ġie żviluppat il-programm ta' taħriġ ibbażat fuq il-web "It-Tmexxija u s-Saħħa Mentali" li kellu fil-mira l-persunal maniġerjali. Din l-għodda tagħti eżempji u pariri dwar kif il-maniġers jistgħu jibqgħu b'saħħithom huma stess u kif jipproteġu wkoll il-ħaddiema mill-istress. B'mod parallel, saret diskussjoni minn forum ta' esperti fuq "Tistressjazzjoni fuq l-Istress — is-Saħħa Mentali fuq il-Post tax-Xogħol", fejn ġew diskussi strateġiji għall-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol. Il-maniġers jattendu wkoll regolarment għal sessjonijiet ta' ħidma u seminars dwar l-istress psikoloġiku fuq il-post tax-xogħol.

Li l-ħaddiema jingħataw l-opportunità li jipplanaw il-ġurnata tax-xogħol tagħhom hija wkoll rikonoxxuta bħala tajba għas-saħħa mentali. Għaldaqstant, il-ħaddiema huma involuti direttament fit-tfassil tal-prattiki tax-xogħol.

Fuq il-livell individwali, isiru kontrolli fiżiċi mit-tabib tal-kumpanija. Il-ħaddiema jingħataw pariri u rakkomandazzjonijiet dwar ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli fiżiċi u t-tabib jiffaċilita kwalunkwe interventi meħtieġa, li jvarjaw minn taħriġ fuq ġestjoni ta' riżorsi individwali għal interventi rapidi fil-każ ta' dipressjoni severa. Għall-ħaddiema jsiru wkoll seminars dwar ħiliet fil-ġestjoni tal-istress għall-ħajja professjonali u personali tagħhom.

Barra minn hekk, l-impenn individwali u l-motivazzjoni jiġu infurzati b'attivitajiet bħal Jiem ta' Volontarjat Globali li joffru lill-ħaddiema l-opportunità li jieħdu sehem f'involvement ċiviku, itejbu l-ispiritu tal-komunità u l-livelli ta' sodisfazzjon personali tal-ħaddiema.

Riżultati miksuba

- Fl-istħarriġ tal-ħaddiema tal-2013 li sar fid-dinja kollha, ir-riżultati wrew titjib fuq dawn l-aħħar tmien snin, inkluż titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-tmexxija attiva.
- Madwar 1 500 manigier rreġistraw għall-programm ta' taħriġ "It-Tmexxija u s-Saħħa Mentali".
- Il-produttività inżammet u ħafna drabi ngħatat spinta.
- L-ispejjeż relatati mal-mard huma limitati.
- Il-Grupp Deutsche Post DHL irċieva premju għas-saħħa mentali fl-2010 fil-premijijiet Move Europe, u, fil-qasam tas-sigurtà u s-saħħa, is-sistema tal-maniġment irċeviet grad ta' A+.



L-impenn tal-maniġment għas-saħħa mentali tal-ħaddiema huwa kkunsidrat essenzjali.

Il-maniġment u l-persunal tal-lukanda jaħdmu flimkien biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol



Hotel Colón, S.A., Spanja ⁽¹⁾

www.colonhotelbarcelona.com

Anqas minn
100 ħaddiem

Il-kwistjoni

Hotel Colón huwa negozju żgħir bi 78 ħaddiem biss. Fil-passat kien hemm ftit opportunità biex il-persunal ikollu vuċi dwar kif ix-xogħol ta' kuljum jiġi organizzat. Il-maniġment tal-lukanda rrealizza li jekk jindirizza din il-kwistjoni seta' jgħin biex itejjeb l-impenn u l-involviment tal-persunal u jżid is-sodisfazzjon tal-ħaddiema fuq ix-xogħol.

L-azzjoni meħuda

Ġie stabbilit grupp ta' ħidma li jinkludi kemm rappreżentanti mill-maniġment u mill-persunal, u dan il-grupp implimenta proċedura għall-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali. Wieħed mir-riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni tar-riskju kien id-deċiżjoni li jiġu adattati u organizzati mill-ġdid il-metodi ta' ħidma tal-lukanda.

Bħala l-ewwel pass ġew implimentati laqgħat dipartimentali. L-għan ta' dawn il-laqgħat kien li jipprovdu informazzjoni, jiddiskutu u jieħdu deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' kuljum u t-titjib possibbli. Il-laqgħat isiru kull ġimagħtejn waqt il-ħinijiet tax-xogħol u jippermettu kemm lill-maniġment u lill-persunal jiddiskutu l-isfidi li jkunu ġejjin u jiżviluppaw is-soluzzjonijiet flimkien.

Bħala preparazzjoni għal dawn il-laqgħat, il-ħaddiema jistgħu jissottomettu suġġetti li jixtiequ jiddiskutu permezz ta' kaxxa tas-suġġerimenti anonima. Dawn is-suġġetti jistgħu jiġu diskussi fil-laqgħa u d-diskussjoni trid tingħalaq bi proposta li tindirizza din il-kwistjoni. Il-maniġment tal-lukanda, imbagħad, ikun meħtieġ jipprovdi tweġiba verbali u bil-miktub għall-kwistjoni. Il-grupp ta' ħidma għandu r-responsabbiltà li jinforma l-forza tax-xogħol bl-azzjonijiet li jitwettqu u meta proposta ma tkunx vijabbli.

Sal-lum, bosta soluzzjonijiet ġew suġġeriti u implimentati b'suċċess. It-tibdil kien faċli biex jiġi implimentat iżda ta

kontribut sinifikanti biex tinħoloq proċedura tax-xogħol b'anqas xkiel u b'aktar suċċess u distribuzzjoni aktar ġusta tax-xogħol. Pereżempju, waħda mill-proposti kellha l-għan li ttejjeb id-distribuzzjoni tal-kompiti relatati mal-issettjar tal-imwejjed qabel l-ikla ta' nofsinhar u ta' filgħaxija. Is-soluzzjoni li ġiet proposta kienet li jdawru dan il-kompitu ta' preparazzjoni bejn ix-xiftijiet differenti. Eżempju ieħor ta' miżura li ġiet implimentata b'suċċess kienet bidla fil-format ta' kif jittieħdu l-ordnijiet għall-ikla ta' nofsinhar u titjib fit-tagħmir tekniku li jintuża għal dan il-kompitu.



Barra minn hekk, kull xahrejn, il-grupp ta' ħidma jevalwa l-laqgħat u l-implimentazzjoni tat-tibdil li ġie suġġerit mill-persunal u jipproponi tibdil li jħoss li hu relevanti. Din il-proċedura ġiet implimentata fid-dipartimenti tal-lukanda kollha, inklużi ir-restorant, il-kmamar tal-bjankeriji, id-dipartimenti tat-tindif, fir-reception u l-kċina. Hemm pjanat revizzjoni tal-proċess sħiħ għall-2015.

⁽¹⁾ Il-proġett sar b'kollaborazzjoni mat-Trade Union CCOO, l-uffiċċju tekniku tagħha Higia u l-Istitut tax-Xogħol tal-Unjoni, l-Ambjent u s-Saħħa (ISTAS), wara l-evalwazzjoni psikosoċjali tar-riskju bbażati fuq il-metodoloġija Ista 21 CoP soQ (PsQCat, verżjoni Katalana).



Riżultati miksuba

- Mill-51 miżura proposta sal-lum, 26 ġew implimentati, 13 qegħdin fil-proċess li jiġu implimentati u 12 ġew posposti.
- Dawn il-miżuri affettwaw it-taqsimiet ewlenin tan-negozju u xi miżuri rriżultaw f'orjentazzjoni mill-ġdid tal-istrategġiji tan-negozju.
- Kemm il-kap tar-riżorsi umani u r-rappreżentanti legali tal-persunal tal-lukanda wrew attitudni pożittiva lejn il-bidla.
- Kemm l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-benesseri tal-forza tax-xogħol tjiebu.

Il-ħaddiema jissottomettu s-suġġetti li għandhom jiġu diskussi waqt il-laqgħat u d-diskussjoni trid tingħalaq bi proposta li tindirizza l-kwistjoni.

Kultura ta' onestà u trasparenza fl-esternalizzazzjoni tal-IT = riżultat 100 %



Schuberg Philis, il-Pajjiżi l-Baxxi

www.schubergphilis.com

Il-kwistjoni

Schuberg Philis hija kumpanija tal-esternalizzazzjoni tal-IT bi klijenti bħal banek onlajn, kumpaniji tal-enerġija u organizzazzjonijiet governattivi. Huma jagħtu lill-klijenti garanzija ta' riżultat ta' 100 %; jekk is-sistemi jieqfu jaħdmu, dawn l-organizzazzjonijiet ma jiffunzjonawx. Dan jagħmel ix-xogħol estremament diffiċli u eżiġenti — hemm perijodi ta' pressjoni intensa, piżijiet tax-xogħol għoljin u sens kbir ta' responsabbiltà — u għaldaqstant, ir-riskju ta' sahra qiegħed dejjem hemm.

L-azzjoni meħuda

Garanzija ta' 100 % tista' tiġi interpretata li tfisser li ma jistgħux isiru żbalji iżda Schuberg Philis temmen li dan ir-riżultat jista' jintlaħaq biss jekk l-iżbalji jiġu aċċettati bħala parti mill-proċess, li wieħed ikun kompletament onest dwarhom u mbagħad jitgħalliem minnhom. L-onestà, it-trasparenza u l-attitudni bil-miftuħ jikkarakterizzaw ir-relazzjonijiet interni u huma kkunsidrati essenzjali għall-kisba tal-għanijiet tal-kumpanija.



Din il-kultura tal-kumpanija u l-enfasi fuq il-ħidma f'timijiet magħquda u indipendenti jagħtu lill-ħaddiema l-opportunità li jsaqsu għall-għajjnuna u jkunu miftuħa dwar l-elementi pożittivi u n-nuqqasijiet personali tagħhom. Dan l-ambjent ta' appoġġ ifisser li l-ħaddiema jħossuhom komdi jqajmu kwistjonijiet u jistgħu jiżviluppaw professjonalment u personalment.

Biex jiġu trattati l-piżijiet tax-xogħol għolja jintuża l-metodu scrum (it-tim jaħdem bħala unità biex jintlaħaq għan komuni) biex ix-xogħol jiġi evalwat u maqsum fi blokko maniġibbli. It-tim jagħmel ukoll "stand-ups" ta' kuljum biex jiġi diskuss il-progress, biex il-membri tat-tim ma jitgħabbewx iżżejjed jew jiġu iżolati u jkun żgurat li l-iskadenzi jintlaħqu.

Il-ħaddiema huma involuti f'laqgħat annwali dwar id-direzzjoni futura tal-kumpanija u għandhom sehem sinifikanti fil-ħajjiet tax-xogħol ta' kuljum tagħhom. Barra minn hekk, permezz ta' evalwazzjoni bejn il-pari li ssir f'assoċjazzjoni ma' evalwazzjonijiet annwali, il-ħaddiema jgħinu lil xulxin għat-tkabbir. Għaldaqstant, il-ħaddiema jistgħu jagħtu kontribuzzjoni sinifikanti lejn il-kumpanija u jħossu responsabbiltà għall-kumpanija, il-ħajjiet tagħhom tax-xogħol u tal-kollegi tagħhom.

Il-kumpanija tiddedika attenzjoni kemm lejn is-saħħa fiżika u s-saħħa mentali tal-ħaddiema. Il-ħaddiema għandhom aċċess għal terapista u fiżjoterapista in-house iċċertifikati u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi tiġi mħeġġa, kif tiġi mħeġġa wkoll dieta tajba.

L-impenn tal-maniġment għall-benesseri tal-ħaddiema jidher waqt il-ġranet tal-familja, li jsiru darbtejn fis-sena; l-uffiċċjali għolja jassiguraw li jsiru jafu lil kulħadd. Barra minn hekk, il-kumpanija tinvesti mill-ġdid bejn wieħed u ieħor kuart mill-profit tagħha ta' kull sena fil-benesseri tal-ħaddiema kollha tagħha u l-familji tagħhom.

Riżultati miksuba

- Ċaqliq tal-persunal (persunal li jitlaq kontra l-volontà tal-kumpanija) huwa estremament baxx: anqas minn 1 %.
- Lr-rata ta' assenza minħabba mard hija verament baxxa: 0.9 % fl-2013, ħafna inqas mill-medja fis-settur tal-ICT. Dan jikkorrispondi għal tfaddil dirett ta' 229 000 EUR fi spejjeż ta' assenteiżmu kull sena.
- Is-sodisfazzjon tal-klijenti huwa għoli ħafna u għal ħames snin kien hemm rata ta' 100 % ta' klijenti li rrakkomandaw lil Schuberg Philis lil oħrajn.



L-ambjent ta' appoġġ ifisser li l-ħaddiema jħossuhom komdi jqajmu kwistjonijiet u jistgħu jiżviluppaw professjonalment u personalment.

Komunikazzjoni aħjar, riżoluzzjoni ta' kunflitti u ġestjoni tal-istress fost l-uffiċjali tal-ħabs



Spettorat Reġjonali tas-Servizz tal-Ħabs f'Koszalin, il-Polonja

www.sw.gov.pl/pl/okregowy-inspektorat-sluzby-wieziennej-koszalin

Anqas minn
100 ħaddiem

Il-kwistjoni

L-ispettorat tas-Servizz tal-Ħabs f'Koszalin, jissorvelja, jikkontrolla u jikkoordina l-kompiti tal-unitajiet penitenzjarji. Il-kuntatt mal-priġunieri huwa kawża ovvja ta' stress fis-servizzi tal-ħabs iżda hemm sorsi oħra possibbli ta' stress, inklużi piżijiet tax-xogħol għolja, pressjoni tal-ħin u nuqqas ta' appoġġ. Barra minn hekk, hemm diversità kbira fis-sitwazzjonijiet li l-ħaddiema jsibu stressanti.

L-azzjoni meħuda

Konsegwenza ta' esponiment għal stress fuq perjodu twil huwa l-eżawriment. Għaldaqstant, fl-2012, l-Ispettorat wettaq sħarriġ fejn eżamina l-eżawriment fl-unitajiet subordinati. Ir-riżultati wrew li r-riskju ta' eżawriment varja skont il-kuntatt mal-priġunieri, is-sistemi tax-xiftijiet u s-sess. F'reazzjoni diretta għas-sejbiet tal-isħarriġ, ġew organizzati sessjonijiet ta' ħidma u attivitajiet li jitrattaw il-fatturi tal-istress f'dawn is-sitwazzjonijiet diversi.

Ġew imwettqa sessjonijiet ta' ħidma inizjali għall-prevenzjoni tal-istress fejn il-ħaddiema ġew ippreżentati

b'varjetà ta' soluzzjonijiet biex jitrattaw sitwazzjonijiet ta' stress u kif itaffu t-tensjoni fil-ħajjiet tagħhom professjonali u ta' kuljum. Imbagħad ġew stabbiliti sessjonijiet ta' ħidma għall-ħiliet kontra l-istress biex ikomplu jibnu fuq il-ħiliet li tgħallmu u biex jippermettu lill-ħaddiema jipprattikaw it-tekniki għall-prevenzjoni tal-istress.

Sar ukoll programm ta' taħriġ għall-ħiliet psikosoċjali biex jipprovdi lill-parteċipanti bi prinċipji ta' komunikazzjoni effiċjenti, strateġiji assertivi għar-riżoluzzjoni ta' kunflitti interpersonali, u strateġiji għall-ġlieda kontra mgħiba mhux etika, aggressjoni, diskriminazzjoni u fastidju morali, fost ħiliet oħra.

Barra minn hekk, il-bilanċ tar-rekwiżiti tas-superjuri ma' daww tal-ħaddiema, ġie rrapportat bħala sors qawwi ta' tensjoni fost uffiċjali fil-livell tal-maniġment intermedju. Għaldaqstant, saru sessjonijiet ta' ħidma għall-ġestjoni tal-istress għall-maniġers u l-kapijiet tad-diviżjonijiet biex jgħinuhom jiksibu dan il-bilanċ u biex iwaqqfu t-tensjonijiet.




Biex jiżviluppaw u jtejbu l-proċess, l-attivitajiet u s-sessjonijiet ta' ħidma kollha huma suġġetti għal evalwazzjoni, li tinvolvi sħarriġ li jevalwa diversi fatturi, inklużi l-eżattezza u l-kwalità, is-suġġetti koperti u l-potenzjal għall-applikazzjoni prattika tal-kontenut kif ukoll evalwazzjoni tal-għalliema/kowċis.

Programm ta' taħriġ għall-ħiliet psikosoċjali li ffoka fuq komunikazzjoni effiċjenti u strateġiji assertivi għar-riżoluzzjoni ta' kunflitti interpersonali fuq il-post tax-xogħol.

Riżultati miksuba

- Żdied it-tagħrif dwar it-tnaqqis tal-istress kemm fil-ħajjiet professjonali u f'dawk personali fost il-ħaddiema.
- Żdied in-numru ta' ħaddiema li talbu informazzjoni dwar u pparteċipaw fis-sessjonijiet ta' ħidma dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-istress.
- Hemm aktar attitudni miftuħa u rieda biex wieħed ifittex l-għajnuna u l-appoġġ f'sitwazzjonijiet diffiċli.
- Naqas il-liv tal-mard minħabba sitwazzjonijiet diffiċli.
- Ždied is-sodisfazzjon fix-xogħol.



Teħid ta' rwol ewlieni dwar ir-riskji psikosoċjali fl-assigurazzjoni



Zavarovalnica Triglav, d.d., is-Slovenja

www.triglav.si

Il-kwistjoni

Zavarovalnica Triglav hija kumpanija tal-assigurazzjoni b'unitajiet fis-Slovenja kollha u aktar minn 2 000 ħaddiem. Minkejja r-riżultati tajbin fl-istħarriġ annwali li jkejjel il-klima organizzattiva, ġew identifikati diversi riskji psikosoċjali. Ir-riskji kienu relatati ma' kwistjonijiet ta' ġestjoni u organizzazzjoni tax-xogħol, perċezzjoni ta' trattament inġust, komunikazzjoni ineffiċjenti u żbilanċi bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Il-konsegwenzi inkludew esperjenzi ta' stress, eżawriment u atmosfera ta' xogħol fqira.

L-azzjoni meħuda

Bl-għan li jiksibu effetti fit-tul fuq is-saħħa, is-sodisfazzjoni u l-entużjażmu ta' kull ħaddiem, u ġestjoni aħjar tar-riskji psikosoċjali, il-kumpanija żviluppat il-programm Triglav.smo. Taħt dan il-programm jitwettqu numru ta' avvenimenti u attivitajiet li jsiru fl-unitajiet reġjonali kollha.

Diversi miżuri fil-programm għandhom fil-mira lill-maniġment. Dawn jinkludu "skola ta' tmexxija", taħriġ għall-kapijiet inklużi d-diretturi amministrattivi, konferenzi għall-mexxejja biex titjieb il-komunikazzjoni u l-fluss tal-

informazzjoni, u manwal għall-kapijiet li jinkludi l-aktar kompiti importanti li l-manigmers kollha għandhom iwettqu.

Hemm psikologu disponibbli li jipprovdi pariri lill-ħaddiema, partikolarment jekk dawn esperjenzaw avvenimenti trawmatiċi relatati max-xogħol, eżempju theddid, attackki jew serq. Isiru wkoll lekċers, programmi edukattivi, taħriġ prattiku u sessjonijiet ta' ħidma fuq suġġetti bħal ġestjoni b'suċċess ta' piżijiet tax-xogħol, ġestjoni tal-istress u titjib fil-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol.

Li tkun protetta d-dinjità tal-ħaddiema huwa valur ċentrali tradizzjonali tal-kumpanija u huwa inkluż fil-Kodiċi ta' Prattiki Tajba ta' Kummerċ tal-kumpanija. Persuna ta' fiduċja li taċċetta rapporti dwar konflitti u mġiba mhux aċċettata (ostili, intimidanti jew umiljanti) hija dejjem disponibbli fuq il-post tax-xogħol. Din tiġi segwita jew minn medjazzjoni minn persunal imħarreġ jew, f'każijiet aktar serji, evalwazzjoni minn kumitat.

Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tax-xogħol u l-kriterji ta' promozzjoni ġew approvati u l-kooperazzjoni bejn il-ħaddiema u d-diviżjonijiet hija mħeġġa bil-kbir, kif inhi mħeġġa l-innovazzjoni. Dan it-titjib fl-iżvilupp tal-karriera tal-ħaddiema u l-involvement tagħhom wassal għal żieda fis-sodisfazzjoni tax-xogħol.



Riżultati miksuba

- L-istħarriġ annwali tal-ħaddiema wera li l-grad tal-klima organizzattiva qed jiżdied; b'mod partikolari, ġew miksuba gradi aħjar fil-kategoriji tal-maniġment.
- L-assenteiżmu naqas kull sena mill-2008.
- Mill-2011 sal-2013, l-ispejjeż tal-liv minħabba mard tnaqqas b'8.6 % (141 000 EUR).
- Qed jiżdiedu s-sodisfazzjoni u l-entużjażmu tal-ħaddiema, u żdiedet il-kooperazzjoni bejn l-unitajiet, id-dipartimenti u s-servizzi.
- In-numru ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol huwa baxx u qed jonqos.

Li tkun protetta d-dinjità tal-ħaddiema huwa valur ċentrali tradizzjonali tal-kumpanija u persuna ta' fiduċja hija dejjem disponibbli biex taċċetta rapporti dwar konflitti.



Post tax-xogħol mingħajr stress = post tax-xogħol mingħajr korrimenti fil-manifattura tal-azzar



U. S. Steel Košice, s.r.o., is-Slovakkja

www.usske.sk

Il-kwistjoni

Fis-settur tal-manifattura tal-azzar, il-perikli u l-kundizzjonijiet perikolużi huma komuni. L-għan tal-U. S. Steel Košice (USSK) huwa xejn korrimenti. Il-kumpanija tipprovdi taħriġ li jippermetti lill-ħaddiema jħossu sikuri u jemmnu fl-abbiltajiet u l-ħiliet tagħhom. Barra minn hekk, il-kumpanija temmen li l-eliminazzjoni tal-istress mill-post tax-xogħol tippermetti lill-ħaddiema jikkonċentraw bis-siġħ fuq ix-xogħol tagħhom u jikkontrollaw u jirrispondu aħjar għall-perikli li jistgħu jiltaqgħu magħhom.

L-azzjoni meħuda

USSK tħaddem diversi strateġiji organizzattivi biex tnaqqas l-istress fuq il-post tax-xogħol. Il-Programm leqaf u Aġixxi jipprovdi lill-ħaddiema bi proċedura li jridu jsegwu jekk jiltaqgħu ma' riskji, jippermettilhom li jwaqqfu l-attivitajiet tagħhom u jfittxu parir minn superviżur jew kollegi u b'hekk inaqqas l-livelli ta' stress f'dawn is-sitwazzjonijiet.

Barra minn hekk, applikazzjoni tal-IT tippermetti lill-ħaddiema jissottomettu r-riskji li ltaqgħu magħhom fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll ideat għal miżuri ta' prevenzjoni. Imbagħad, il-maniġers u d-dipartiment tas-sigurtà u s-saħħa jikkunsidraw dawn il-proposti u jimplementaw interventi abbażi ta' dawn is-suġġerimenti. L-aktar ħaddiema attivi f'din is-sistema jiġu ppremjati għall-attitudni proattiva tagħhom. Fl-aħħar, "konsultazzjonijiet dwar is-sigurtà" huma laqgħat li jsiru minn superviżur li jsiru fil-bidu ta' kull xift u jenfasizzaw perikli speċifiċi li l-ħaddiema għandhom joqogħdu attenti minnhom, inklużi perikli psikosoċjali.

Barra minn hekk, il-kumpanija temmen li, għas-suċċess tagħha, huwa neċessarju li kull membru tat-tim jikseb bilanċ bejn il-ħajja tiegħu fuq ix-xogħol, mal-familja u dik privata.

Bħala parti mill-programm Taħriġ għall-Ħajja fuq ix-Xogħol u l-Ħajja Privata, tiġi provduta konsulenza b'xejn fejn kemm il-ħaddiema u l-membri tal-familja tagħhom għandhom aċċess 24/7 mingħajr restrizzjoni għal konsulenti fuq it-telefown u permezz tal-posta elettronika. Barra minn hekk, il-ħaddiema jistgħu jiltaqgħu ma' psikologu fil-bini tal-USSK fejn jingħataw pariri kemm fuq kwistjonijiet tax-xogħol u personali. Fil-fatt, ir-relazzjonijiet interpersonali fuq il-post tax-xogħol kienet l-aktar kwistjoni komuni trattata f'dawn il-konsulenti. Bħala parti minn dan il-programm, jingħataw ukoll lekkers dwar suġġetti bħall-prevenzjoni tal-eżawriment, l-assertività fil-ħajja fuq ix-xogħol u dik personali u stili ta' ħajja li jgħibu l-quddiem is-saħħa.

Jiġu organizzati avvenimenti barra mill-ħinijiet tax-xogħol, inklużi avvenimenti sportivi, bħall-Kampjonat USSK tal-Futbol u l-proġett il-Familja hija Sportiva, li jinkoraġġixxu lill-ħaddiema u lill-membri tal-familja tagħhom biex ikunu attivi kif ukoll soċjevoli. Barra minn hekk, Jum is-Sigurtà tal-Familja jgħin biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tas-sigurtà u s-saħħa waqt li l-ħaddiema jirrilassaw f'atmosfera ta' ħbiberija mal-familji tagħhom.





Riżultati miksuba

- Mill-2006, ir-rata ta' korrimenti naqset b'79 %.
- Fl-istess perjodu, korrimenti li rriżultaw fi għranet 'il bogħod mix-xogħol naqsu b'95 %.
- Il-ħaddiema jirrapportaw sodisfazzjoni personali aktar għoli, bilanċ aħjar bejn il-ħajja fuq ix-xogħol u dik privata u "kumdità" mentali aħjar.
- It-tagħrif, il-ħiliet u l-abbiltajiet, l-effiċjenza professjonali u l-prestazzjoni tax-xogħol kollha ġew irrapportati li tjiebu.

Il-ġestjoni tal-istress tat kontribut għat-tnaqqis fir-rati ta' korrimenti kif ukoll għal benesseri, sodisfazzjoni tax-xogħol u prestazzjoni aħjar.

Kura = kondiviżjoni — approċċ pateċipattiv biex jiġi trattat l-istress fost l-inġiniera



Fastems Oy Ab, il-Finlandja

www.fastems.com/en/home

Il-kwistjoni

Fastems tforni sistemi ta' awtomazzjoni adattati b'mod speċifiku u għaldaqstant teħtieġ kompetenzi speċjalizzati fl-aktar teknoloġiji moderni. Ix-xogħol huwa partikolarment eżiġenti u l-iskadenzi huma stretti u l-inġiniera huma ħafna drabi meħtieġa jsiefru barra mill-pajjiż biex jinstallaw is-sistemi. Dan ifisser li r-riskju li jesperjenzaw stress huwa għoli u, minħabba l-bżonn ta' speċjalisti, din il-kwistjoni ma tistax tiġi riżolta sempliċement billi jiżdiedu r-riżorsi. Dan wassal għal talbiet għal bdil fid-deskrizzjonijiet tax-xogħol, liv tal-familja estiż u numru sinifikanti ta' riżenji, fost kwistjonijiet oħra.

L-azzjoni meħuda

Mill-bidu tal-2009, Fastems kienet qed tuża l-proċedura ta' Evalwazzjoni Integrata tal-Istress Totali fuq ix-Xogħol ("TIKKA") b'kollaborazzjoni mal-imsieħeb tagħha tas-servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol. TIKKA hija valutazzjoni komprensiva tal-fatturi tal-istress fuq il-post tax-xogħol permezz ta' intervisti fi gruppi żgħar, intervisti tas-superviżuri, formoli ta' kwestjonarji personali u laqgħat konġunti tat-tim sħiħ.

L-intervisti jikkonċentraw fuq kwistjonijiet relatati mal-kontenut tax-xogħol (pereżempju, iċ-ċarezza tal-għanijiet tax-xogħol, il-pass tax-xogħol u l-piż tax-xogħol, il-forniment ta' feedback) u l-klima soċjali fuq il-post tax-xogħol (pereżempju, l-ispirtu tal-komunità, il-kooperazzjoni, it-trattament ugwali). It-tweġibiet u r-riżultati mill-intervisti, kif ukoll is-suġġerimenti għall-iżvilupp u t-titjib, jiġu diskussi fi spirtu reċiproku kostruttiv mill-ħaddiema, is-superviżuri u rappreżentant tar-riżorsi umani f'avvenimenti ta' "feedback u appoġġ".

Jintużaw kwestjonarji personali biex jiġu evalwati l-idoneità għax-xogħol u l-abbiltà tal-prestazzjoni tal-persunal. Il-fatturi ħżiena relatati mal-istress jiġu wkoll identifikati permezz tal-kwestjonarju dwar is-saħħa. Abbażi tat-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet, l-individwi jiġu magħżula, skont il-bżonn, għal eżami tas-saħħa aktar dettaljat u jiġu mogħtija appoġġ.

Fastems bidlet l-approċċ tagħha lejn fokus fuq intervent bikri. F'dan il-mudell ta' intervent bikri, is-superviżuri jiġu mogħtija taħriġ kontinwu u jiġu mħeġġa joħorġu fuq il-post tax-xogħol problemi potenzjali dwar tlaħħiq max-xogħol, b'hekk jindirizzaw il-problemi fl-istadju l-aktar kmieni possibbli.



(¹) TIKKA ġejja minn Työn Integroitu KokonaisKuormituksen Arviointi.



Riżultati miksuba

- Kien hemm tnaqqis sinifikanti fil-liv minħabba mard relatat ma' stress.
- Naqsu n-numru ta' riżenji.
- Tibdil fl-arranġamenti tax-xogħol, id-deskrizzjonijiet tal-proċess u l-ispeċifikazzjonijiet tar-responsabbiltajiet, u żieda fl-użu ta' għodod elettroniċi, wasslu għal tnaqqis radikali fl-ammont ta' vjaġġar meħtieġ.
- L-organizzazzjoni mill-ġdid tax-xogħol tejbet is-sodisfazzjon tal-ħaddiema.
- L-atmosfera tax-xogħol tgiebet bil-kbir. Il-proċedura li ġiet implimentata wriet li min iħaddem huwa lest li jinvesti ħin u flus biex itejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol.
- Ir-riżultati ta' TIKKA ta' Fastems wasslu għal żieda fl-interess f'dan il-proċess minn intrapriżi oħra.

Ir-riżultati tal-intervisti jiġu diskussi fi spirtu reċiproku kostruttiv mill-ħaddiema u s-superviżuri fl-avvenimenti ta' 'feedback u appoġġ'.

Politiki u proċeduri parteċipattivi u proattivi

Nottingham City Homes, ir-Renju Unit

www.nottinghamcityhomes.org.uk
satori-uk.co.uk



Il-kwistjoni

Stħarriġ dwar l-istress li sar Nottingham City Homes minn rappreżentanti tal-junjin f'kooperazzjoni mill-qrib mal-maniġment sab li t-tliet kawżi ewlenin tal-istress kienu l-istabbiliment ta' miri mhux realistiki, nuqqas ta' komunikazzjoni fl-organizzazzjoni u ħin insuffiċjenti biex isir ix-xogħol. Biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-kumpanija mmirat li tiżviluppa politika dwar l-istress u proċess proattiv ta' evalwazzjoni tar-riskju tal-istress u l-benesseri, u li tagħti spinta lill-ġarhien dwar l-importanza tal-ġestjoni tal-istress fl-organizzazzjoni kollha.

L-azzjoni meħuda

In-Nottingham City Homes ħarġu biex jimplementaw politika uffiċjali għall-ġestjoni tal-istress f'kooperazzjoni mill-qrib mat-trejdjunjin. Il-politika hija bbażata fuq l-Istandards tal-Ġestjoni tal-Eżekuttiv tas-Saħħa u s-Sigurtà (HSE) għal stress relatat max-xogħol u tiffoka fuq l-immaniġġjar tal-kawżi u t-ttrattament tal-istress relatat max-xogħol. Abbażi tal-feedback mit-trejdjunjin, hemm enfasi kbira fuq il-miżuri ta' parteċipazzjoni u dawk proattivi.

L-evalwazzjonijiet tar-riskju tal-istress u l-benesseri proattiv (PSWRAs) jitwettqu minn manigġers bl-għajnuna ta' tim tas-saħħa u s-sigurtà. Ir-riżultati tal-istħarriġ preċedenti tal-junjin dwar l-istress kif ukoll il-feedback tal-junjin intużaw biex, fejn possibbli, jiġu infurmati l-iżviluppi. Ir-riżultati ta' PSWRAs se jintużaw biex ikunu emendati u aġġornati kemm il-politika għall-ġestjoni tal-istress kif ukoll it-taħriġ għall-ġestjoni tal-istress. Barra minn hekk, bħala parti mill-proċess ta' PSWRA, il-ħaddiema kollha jingħataw karti b'informazzjoni dwar l-istress li jiffukaw fuq l-azzjonijiet relatati mat-taqsimiet prinċipali fl-Istandards tal-Ġestjoni tal-Eżekuttiv tas-Saħħa u s-Sigurtà (l-eżiġenzi, il-kontroll, l-appoġġ, ir-relazzjonijiet, ir-rwol u t-tibdil).

Bħala parti mill-politika għall-ġestjoni tal-istress, it-taħriġ dwar ir-riskji psikosoċjali u l-istress sar lis-superjuri kollha biex iżidu l-ħiliet tagħhom biex jimmaniġġjaw l-istress fit-timijiet tagħhom. Il-ħaddiema ġew provduti wkoll b'taħriġ għall-benesseri, inkluż diskussjonijiet dwar kif jitrattaw konverżazzjonijiet diffiċli li jista' jkollhom ma' klijenti dwar kwistjonijiet bħal taxxi.

Saru numru ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa mentali, inklużi sessjonijiet regolari ta' "Tea and Talk" biex il-ħaddiema jiġu mħeġġa jtkellmu dwar aspetti li jaffettwaw is-saħħa u l-benesseri tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Reċentement ġiet introdotta wkoll sistema għall-ġestjoni tat-tagħlim biex tagħti lill-ħaddiema aċċess aktar faċli għat-taħriġ dwar għarhien fuq l-istress u materjali relatati.

Il-ħaddiema kollha jirċievu evalwazzjoni annwali tal-iżvilupp personali u laqgħat regolari fuq bażi individwali mal-manigġers fejn jiġu diskussi u riveduti l-prestazzjoni u l-ħtiġijiet għal appoġġ potenzjali, inklużi skadenzi stretti, problemi ta' komunikazzjoni u eżiġenzi tax-xogħol.





Riżultati miksuba

- Kien hemm żieda notevoli fis-sensibilizzazzjoni dwar l-istress. Hemm fehim akbar dwar il-fatturi tal-istress u qed joħorġu ideat ġodda dwar kif jistgħu jiġu ġestiti.
- Il-politika dwar il-ġestjoni tal-istress u t-taħriġ assoċjat ikkontribwixxa biex il-kumpanija tingħata l-premju tad-deheb Investors in People.
- L-assenteiżmu minħabba mard relatat mal-istress, id-dipressjoni u problemi ta' saħħa mentali oħra qed jiġi ssorveljat sena wara sena u hija mistennija xejra 'l isfel fil-ftit snin li ġejjin.

Hemm fehim akbar dwar il-fatturi tal-istress u qed joħorġu ideat ġodda dwar kif jistgħu jiġu ġestiti.

Involviment, parteċipazzjoni u komunikazzjoni aħjar f'organizzazzjoni ta' kura għall-anzjani

IMFAĦĦRA

VitaS, il-Belġju

www.vitas.be

Il-kwistjoni

Fuq ħames snin, il-kumpanija VitaS għall-kura tal-anzjani, kibret malajr, u estendiet minn sit wieħed għal tlieta. It-tibdil ġab miegħu ċertu sfidi. Il-komunikazzjoni mhux ċara lill-ħaddiema waqt din l-espansjoni, xi drabi rriżultat f'atmosfera ta' tensjoni. L-assenteiżmu żdied u seħħew konflitti fuq il-post tax-xogħol. F'ċerti każijiet, il-ħaddiema eżistenti kienu inkwetati minħabba n-numru dejjem jikber ta' ħaddiema ġodda u bdew iħossuhom inċerti dwar il-kontenut u s-sigurtà tax-xogħol tagħhom. Il-maniġmeent induna li, f'xi każijiet, il-ħaddiema saru anqas motivati u saħansitra stressjati.

L-azzjoni meħuda

Saret evalwazzjoni tar-riskju dwar ir-riskji psikosoċjali li ffokat fuq tliet oqsma ewlenin: l-istruttura organizzattiva, il-politika tal-persunal u l-promozzjoni tal-benesseri tal-ħaddiema.

L-azzjoni li ttieħdet iffokat fuq l-involviment, il-parteeipazzjoni u l-komunikazzjoni minn u lejn il-ħaddiema. Id-deskrizzjonijiet tax-xogħol ġew ippreparati u l-istruzzjonijiet tax-xogħol u dokumentazzjoni rilevanti oħra ġew diġitizzati u saru aktar aċċessibbli għall-forza tax-xogħol kollha. Ġew introdotti sessjonijiet ta' ġestjoni ta' konflitti, politika ta' attendenza, evalwazzjonijiet regolari tal-prestazzjoni u sessjonijiet ta' bini tat-tim u ġie stabbilit bullettin ta' kull xahar biex jitjeb il-fluss tal-informazzjoni. Abbażi tar-riżultati tal-istħarriġ, il-ħaddiema ġew involuti b'mod attiv fit-tibdil tal-ippjanar tar-roster, billi mxew lejn approċċ aktar parteċipattiv ibbażat fuq awtoskedar.

Ġie stabbilit pjan ta' diversità biex jitjeb ir-reklutaġġ u t-taħriġ ta' ħaddiema bi ftit ħiliet u jingħelbu s-soqfa tal-ħġieġ possibbli.

Is-suċċess tal-proġett sar grazzi għall-involviment tal-organizzazzjoni sħiħa u l-approċċ pass wara pass li ttieħed fl-oqsma differenti — bħal fl-infrastruttura, il-persunal,

it-taħriġ u x-xogħol bħala tim — biex l-implimentazzjoni ġenerali setgħet tinkiseb aħjar.

VitaS wasslet għal tibdil fl-istruttura u l-kultura tal-organizzazzjoni, il-ġestjoni tagħha u l-benesseri tal-persunal. VitaS sabet li r-riżultati jistgħu jintlaħqu minn ġewwa l-organizzazzjoni ħafna drabi billi sempliċiment jiġu involuti l-ħaddiema, fejn dawn iħossuhom involuti u jitħallew jipparteċipaw b'mod attiv. Il-kumpanija skopriet li l-iżvilupp ta' bażi kbira ta' ħaddiema dejjem aktar motivati fl-organizzazzjoni iwassal biex jinkisbu għanijiet akbar.



Il-ħaddiema kienu involuti b'mod attiv fit-tibdil tal-ippjanar tar-roster, billi mxew għal approċċ aktar parteċipattiv ibbażat fuq awtoskedar.

Riżultati miksuba

VitaS sabet li t-titjib tal-kwistjonijiet identifikati mill-ħaddiema nfushom kellu impatt dirett fuq l-emanċipazzjoni tal-individwi. Mill-banda l-oħra, l-emanċipazzjoni tal-individwi wasslet għal forza tax-xogħol aktar motivata u produttiva u ħerqana li tgħin issolvi kwistjonijiet fil-livell organizzattiv.



Sikurezza u sigurtà — parti naturali ta' xogħol f'assoċjazzjoni tad-djar

IMFAĦĦRA

Boligkontoret Aarhus, AAB Aarhus AAB and ESL, id-Danimarka

www.bk-aarhus.dk

Anqas minn
100 ħaddiem

Il-kwistjoni

Il-vjolenza, it-theddid ta' vjolenza, l-abbuż u l-fastidju mir-residenti kienu problemi dejjem jikbru għall-ħaddiema tal-proprjetà fl-organizzazzjonijiet tad-djar fid-Danimarka fis-snin reċenti. Kombinazzjoni ta' ħidma solitarja u tradizzjoni li ma jtkellmex dwar il-persjoni emozzjonali u l-istress fuq ix-xogħol, kif ukoll li jaċċettaw il-vjolenza bħala "parti mix-xogħol", wasslet għal tagħbija mentali żejda fost il-ħaddiema tal-proprjetà f'Boligkontoret Aarhus.

L-azzjoni meħuda

Għe żviluppat metodu biex b'mod sistematiku u effettiv jipprevjeni l-vjolenza, it-theddid u l-fastidju għall-ħaddiema tal-proprjetà. Għet użata għodda analitika biex ikunu identifikati l-esperjenzi u l-benesseri tal-ħaddiema kemm qabel u wara l-proġett.

Inħolqu proċeduri ċari biex jirrekordjaw u jsejwu inċidenti ta' vjolenza u theddid billi tfasslet politika kontra l-vjolenza u għew aġġornati l-pjanijiet eżistenti għall-ġestjoni ta'

kriżijiet. Għew stabbiliti gruppi għall-iskambju ta' esperjenzi fejn il-ħaddiema tal-proprjetà janalizzaw is-sitwazzjonijiet ta' sfida fuq ix-xogħol flimkien u jaqsmu l-esperjenzi li jikkonċernaw miżuri preventivi.

Kien essenzjali li l-ħaddiema tal-proprjetà jitħallew waħedhom jew fi sħubija mal-grupp tas-saħħa u s-sigurtà biex isiru l-evalwazzjonijiet u jittieħdu l-miżuri preventivi. Barra minn hekk, il-fatt li l-manigjers b'mod viżibbli appoġġjaw il-proġett, kien kritiku għas-suċċess tiegħu. Meta sar dan, il-ħaddiema ħassewhom appoġġjati u sabu li l-maniġment ikkunsidra bis-serjetà r-rapporti tal-inċidenti tagħhom u, l-aktar importanti, ħa azzjoni dwarhom. Għew stabbiliti wkoll gruppi għall-iskambju ta' esperjenzi biex tkun imħeġġa d-diskussjoni ta' inċidenti ta' vjolenza fost il-ħaddiema tal-proprjetà.

Għe żviluppat programm ta' taħriġ komprensiv li twassal f'forma ta' seminars għall-ħaddiema tal-proprjetà. Għew prodotti wkoll vidjows biex jappoġġjaw it-taħriġ. Il-ħaddiema l-ġodda kollha jiġu introdotti għall-kunċett ta' taħriġ.





Riżultati miksuba

- Tnaqqis fin-numru ta' inċidenti ta' vjolenza u theddid.
- Tnaqqis fl-istress u s-sintomi ta' piż mentali żejjed fost il-ħaddiema tal-proprjetà.
- Żieda fl-għarfien fost il-ħaddiema tal-proprjetà dwar l-influenza tal-vjolenza fuq il-benesseri u s-sodisfazzjoni tax-xogħol.
- Tibdil konsiderevoli fl-attitudni fost il-ħaddiema tal-proprjetà fejn wieħed jittellem b'mod miftuħ ma' ħaddieħor dwar inċidenti ta' vjolenza.
- Titjib sostanzjali fl-esperjenza ta' appoġġ kemm min-naħa tal-maniġment u tal-kollegi wara esperjenzi ta' inċidenti ta' vjolenza.

- Tliet kwarti tal-ħaddiema tal-proprjetà u l-maniġers ipparteċipaw fis-seminars.
- Il-ħaddiema tal-proprjetà jħossu li l-ħiliet ta' ġestjoni ta' relazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol tgiebu.

Il-fatt li l-maniġers, b'mod viżibbli, appoġġaw il-proġett, kien kritiku għas-suċċess tiegħu.

Evalwazzjoni u ġestjoni tar-riskju ta' stress relatat max-xogħol fis-settur tal-ġbir tal-iskart

IMFAĦĦRA

Ċentru ta' Prevenzjoni ta' Riskji fuq il-Post tax-Xogħol (KE.P.E.K.) ta' Ċentru tal-Ġreċja u l-Muniċipalità ta' Chalkida, il-Ġreċja ⁽¹⁾

www.dimos-xalkideon.gr
www.ypakp.gr

Il-kwistjoni

It-tim tal-manigement li jitratta l-ġbir tal-iskart fil-muniċipalità ta' Chalkida rrealizza li kien hemm ċertu sfidi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol bħal xogħol b'xift irregolari. Barra minn hekk, tqajjem tħassib dwar kwistjonijiet bħall-ambigwità tal-irwoli u komunikazzjoni ġenerali fqira. Xi drabi, irriżulta li l-ħaddiema kienu inċerti mill-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet tagħhom u l-parteċipazzjoni attiva fit-teħid ta' deċizzjonijiet mhux dejjem kienet iffaċilitata. Għaldaqstant, f'ċertu ċirkostanzi, tpoġġew f'riskju prattiki tajba ta' xogħol li wassal għal żieda fin-numru ta' aċċidenti u każijiet ta' assenteiżmu u liv minħabba mard. Meta deheru għall-ewwel darba l-problemi ta' preżenteiżmu u stress relatat max-xogħol, għall-manigement deher ċar li kien hemm bżonn ta' tibdil.

L-azzjoni meħuda

Interventi preventivi ġew orjentati lejn soluzzjonijiet kollettivi u ġiet imħeġġa parteċipazzjoni attiva mill-ħaddiema u l-manigġers kollha. Bl-użu ta' approċċ sistematiku, ġew stabbiliti l-pedamenti għall-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol ibbażat fuq il-kunfidenza, il-kollaborazzjoni, il-komprensjoni u l-appoġġ fejn il-ħaddiema u l-manigement jipparteċipaw b'mod attiv biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

L-ewwel fokus kien l-indirizzar tan-nuqqasijiet organizzattivi. Permezz ta' skedar tax-xogħol, distribuzzjoni tax-xogħol skont il-leġiżlazzjoni, il-kuntratti tax-xogħol u l-ħtiġijiet tal-ħaddiema, ġew implimentati tibdiliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol. Id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet tal-ħaddiema ġew ikkjarifikati u ġiet promossa l-parteċipazzjoni tagħhom fit-teħid ta' deċizzjonijiet.

Ġie implimentat ippjanar ergonomiku ta' prattiki ta' xogħol billi ġie minimizzat l-esponiment għal temperaturi estremi u nħolqu timijiet ta' ġbir ta' skart abbażi tal-livell ta' esperjenza tagħhom. Ġew installati sistemi ta' lokalizzazzjoni bis-satellita fil-vetturi tal-ġbir tal-iskart biex jippermettu komunikazzjoni waqt emerġenzi u l-vetturi l-qodma ġew mibdula. Barra minn hekk, sar tibdil fil-politika tas-saħħa u s-sigurtà. Dawn kellhom l-għan li jinfurzaw ir-relazzjonijiet soċjali u interpersonali, jagħtu lill-ħaddiema l-oportunità li jesprimu t-tħassib tagħhom u jtejbju s-sistema ta' taħriġ.

Fil-livell individwali, l-introduzzjoni tal-programm ta' assistenza tal-ħaddiema ppermetta li l-ħaddiema jakkwistaw il-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa biex jagħrfu u jitrattaw sitwazzjonijiet problematiċi. Dan għen biex issaħħet l-abbiltà tal-ħaddiema biex jipprevjenu l-istress permezz ta' tibdil fl-approċċ u l-attitudni tiegħu jew tagħha.

⁽¹⁾ Dan il-proġett ġie realizat permezz tal-isforzi tal-grupp tat-tmexxija tiegħu li l-membri tiegħu kienu Toukas Dimitrios (Spettur tas-Saħħa u s-Sigurtà Okkupazzjonali) u Delichas Miltiadis (Spettur tas-Saħħa u s-Sigurtà Okkupazzjonali) miċ-Ċentru ta' Prevenzjoni ta' Riskji Okkupazzjonali (KE.P.E.K.) tal-Ġreċja Ċentrali; u Metaxas Nikolaos (Konsulent tas-Sigurtà), Simitzis Athanasios (Tabib Okkupazzjonali), Vrakas Alexandros (Kap tal-Amministrazzjoni tad-Dipartiment tal-Ġbir tal-Iskart), Basoukos Alexandros (Rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema), Boulougouras Vasilios (Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema) Athanasios (Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema) u Tsoku Froso (Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema) mill-Muniċipalità ta' Chalkida.



Riżultati miksuba

- Tnaqqis fir-riskju ġenerali ta' stress relatat max-xogħol minn "medju" għal "baxx".
- Tnaqqis fin-numru ta' aċċidenti minħabba żbalji umani.
- Tnaqqis fin-numru ta' każijiet ta' assenteiżmu, assenteiżmu minħabba mard u emerġenzi mediċi.
- Żieda fit-tagħrif u r-responsabbiltà fost il-ħaddiema u l-amministrazzjoni dwar kwistjonijiet relatati ma' stress.
- Parteċipazzjoni attiva mill-ħaddiema fit-trattament ta' stress relatat max-xogħol.



Il-pedamenti ġew stabbiliti għall-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol ibbażat fuq il-kunfidenza, il-kollaborazzjoni, il-komprensjoni u l-appoġġ.

Pjan komprensiv għall-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali

IMFAĦĦRA

ACCIONA ENERGIA, Spanja

www.acciona.com



Il-kwistjoni

Il-maġġoranza tal-ħaddiema f'Acciona Energia, operatur globali fis-settur tal-enerġija rinnovabbli, huma inġiniera, amministraturi jew surveyors. L-evalwazzjoni tar-riskji psikosoċjali wriet li pożizzjoni waħda kienet partikolarment perikoluża: it-tekniku taċ-ċentru ta' kontroll. Ċertu aspetti ta' dan ix-xogħol — il-ħin tax-xogħol, l-awtonomija, il-piż tax-xogħol u l-prestazzjoni tal-irwol — ġew identifikati bħala riskji psikosoċjali potenzjali. Il-pjan ta' azzjoni korrispondenti inkluda kemm miżuri preventivi kif ukoll korrettivi.

L-azzjoni meħuda

Ġew meħuda azzjonijiet immedjati, fuq perjodu qasir u korrettivi speċifiċi għar-rwol ta' tekniku taċ-ċentru ta' kontroll. Dawn inkludew l-implimentazzjoni ta' protokoll ta' komunikazzjoni li jippermetti lill-ħaddiema biex iwissu lill-maniġment jekk iħossuhom li għandhom piż tax-xogħol tqil, u softwer ġdid għall-kontroll tal-installazzjoni. L-għodda l-ġdida tgħin jitnaqqas il-piż tax-xogħol mentali u tagħmel ix-xogħol tat-tekniki aktar faċli. Ġiet implimentata wkoll proċedura ġdida biex ikun żgurat li l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet ikunu ċari u jinftehem; kull interpretazzjoni tat-tekniki tal-istruzzjonijiet jew tiġi vverifikata bħala korretta fl-implimentazzjoni jew ikkjarifikata ulterjorament.

It-titjib fix-xogħol li ġie implimentat għat-tekniki taċ-ċentru ta' kontroll wera riżultati tajbin u ntlagħhu b'interess

kbir fost il-ħaddiema f'oqsma oħra tal-kumpanija. Dan inkoraġġixxa lill-Acciona biex timplimenta pjan komprensiv fuq perjodu itwal, għall-kumpanija kollha għall-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali.

Ġew żviluppati kemm azzjonijiet kollettivi għall-kumpanija kollha jew għal dipartiment wieħed, kif ukoll azzjonijiet individwali, maħsuba għal ħaddiem partikolari jew għall-ħaddiema biex japplikawhom waħedhom.

L-azzjonijiet preventivi kollettivi kienu jiddependu minn impenn b'saħħtu tal-maniġers. Acciona rrikonoxxiet li l-maniġers huma l-vettura prinċipali għaż-żamma ta' kultura bbażata fuq ir-rispett u l-inkoraġġiment ta' xogħol f'tim u l-iżvilupp individwali u kollettiv. Il-karatteristika tal-istil tal-maniġment ta' Acciona għandha għeruq sodi fit-tim ta' diretturi u maniġers tagħha, iżda ġie rikonoxxut li, biex tkun sostnuta din il-kultura, dawn l-attitudnijiet għandhom jiġu mgħoddija lill-ġenerazzjoni ta' maniġers li imiss. Għaldaqstant ġie żviluppata programm ta' taħriġ appoġġjat minn attivitajiet ta' taħriġ strutturat. Barra minn hekk, ġie implimentat protokoll għall-azzjoni biex ikun ittrattat il-fastidju.

Azzjonijiet individwali, inklużi l-ġestjoni tal-istress u s-sessjonijiet ta' ħidma għall-promozzjoni tas-saħħa u applikazzjonijiet tal-kompjuter għall-monitoraġġ tal-istress, għenu fil-promozzjoni tal-iżvilupp tal-ħaddiema u biex iżommhom b'saħħithom u motivati.





Riżultati miksuba

Ma kienx hemm assenteiżmu li rriżulta minn mard psikosoċjali. Il-kooperazzjoni tajba, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u ambjent tax-xogħol psikosoċjali tajjeb huma fost benefiċċji oħra. Il-pjan komprensiv ta' Acciona kkontribwixxa b'mod attiv għat-trawwim ta' ambjent tax-xogħol pożittiv, fejn il-persuni jiġu trattati b'rispett u li jippromwovi s-saħħa u l-iżvilupp tal-ħaddiema. Għen lill-Acciona ssaħħaħ il-pożizzjoni u s-sostenibbiltà tagħha.

L-azzjonijiet kollettivi għall-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali kienu jiddependu minn impenn b'saħħtu mill-maniġers għaż-żamma ta' kultura ta' rispett, xogħol f'tim u tkabbir.

Miżuri differenti ta' prevenzjoni ta' stress relatat max-xogħol għal sitwazzjonijiet differenti għand manifattur globali ta' ingeni tal-ajru

IMFAĦĦRA

Airbus, Franza u Spanja

www.airbus.com

Il-kwistjoni

Fis-snin reċenti, Airbus nediet ħafna prodotti ġodda biex tibqa' l-mexxejja fis-suq tal-manifattura tal-inġenji tal-ajru. Twettqu mijiet ta' proġetti ta' titjib bl-għan li jagħtu spinta lill-prestazzjoni u jappoġġjaw żviluppi ġodda. It-titjib jikkonċerna wkoll it-tibdil fl-organizzazzjoni inklużi fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet.

Sabiex tintlaħaq iż-żieda mixtieqa fil-prestazzjoni waqt li fl-istess ħin jitħares l-adattament tal-ħaddiema kkonċernati, kien hemm il-bżonn li jiġu kkunsidrati sewwa l-effetti ta' tibdil fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-benesseri tal-ħaddiema, billi jiġi implimentat tibdil adegwat fil-maniġment u l-involvement tal-ħaddiema.

Barra minn hekk, kien hemm il-bżonn li titjeb il-prevenzjoni tal-istress relatat max-xogħol billi jiġu kkombinati r-rekwiżiti tal-politika tal-Grupp Airbus u l-oqfsa u l-għodod legali lokali.

L-azzjoni meħuda

Airbus France

Airbus France żviluppat metodoloġija ta' prevenzjoni li tikkonsisti f'evalwazzjoni tal-impatt ta' tibdil b'mod eżawrjenti u parteċipattiv li jista' jirriżulta f'riskji psikosoċjali fil-kumpanija u fi tfassil ta' rakkomandazzjonijiet li jiġu mibdula fi pjan ta' azzjoni.

L-ewwel pass tal-proċess jikkonsisti fl-applikazzjoni ta' lista ta' kontroll biex jintagħżlu biss il-proġetti sinifikanti minn punto di vista ta' riskji psikosoċjali li jixraq ilhom analiżi sħiħa. Fit-tieni pass, il-metodoloġija tinvolvi "sessjoni ta' ħidma dwar l-impatt" fejn il-partiċipanti, minn varjetà ta' livelli ġerarkiċi, jagħtu s-sehem tagħhom f'reviżjoni eżawrjenti tar-riskji umani u soċjali relatati mal-proġett jew it-tibdil li qed jiġi evalwat, abbażi ta' kwestjonarju strutturat. Is-sessjoni titmexxa minn żewġ faċilitaturi kkwalifikati u jiġu diskussi l-għanijiet, il-gruppi affettwati u kwalunkwe avvenimenti jew proġetti relatati. Issir reviżjoni sistematika tal-impatti tal-bidla fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol inklużi l-piż tax-xogħol, l-awtonomija u r-rikonoxximent fuq il-post tax-xogħol. Fl-istess ħin tista' tiġi evalwata l-vulnerabbiltà inizjali tal-ħaddiema fir-rigward tar-riskji psikosoċjali. Jinħareġ rapport sommarju li jissintetizza l-impatti ewlenin li jiġu skoperti u jagħti rakkomandazzjonijiet għal kull riskju. Il-mexxej tal-proġett imbagħad joħloq pjan ta' azzjoni abbażi ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet u dan il-pjan ta' azzjoni jiġi mbagħad rivedut, bejn wieħed u ieħor, wara tliet xhur.



© Airbus Military, fotografu Luis Olivas

Sal-lum, din il-metodoloġija ġiet applikata madwar 15-il darba lill-varjetà ta' proġetti li jvarjaw mil-linja tal-assemblaġġ finali tal-inġenji tal-ajru sal-organizzazzjoni mill-ġdid tad-dipartiment tal-IT.

Airbus Spain

Airbus Spain twettaq regolarment skrinjar biex tidentifika gruppi f'riskju ta' kwistjonijiet psikosoċjali. Imbagħad isiru evalwazzjonijiet ta' dawn il-gruppi biex jidentifikaw il-problemi u jiggwidaw l-iżvilupp ta' miżuri kollettivi korrettivi permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma u sessjonijiet ta' feedback. Li jiġu identifikati oqsma ta' riskju permezz ta' skrinjar bħala miżura preventiva, tnaqqis fl-okkorrenza possibbli ta' sitwazzjonijiet perikolużi u mitigazzjoni ta' dawk eżistenti.



©AIRBUS, fotografu Hermann Jansen

L-individwi jiġu wkoll sorveljati mis-servizzi mediċi biex jidentifikaw dawk f'riskju u l-ħaddiema jistgħu jitolbu attenzjoni psikoloġika, jekk meħtieġ, permezz tal-junjins, il-manigġers jew ir-riżorsi umani. Tiġi provduta konsulenza psikoloġika f'forma ta' sessjonijiet wiċċ imb'wiċċ kif ukoll permezz tal-web (dan tal-aħħar huwa proġett pilota li għaddej).

Wara sitta sa tmien xhur, is-sitwazzjoni tiġi evalwata mill-ġdid u jiġu evalwati l-interventi. Għet żviluppata wkoll gwida li tagħti dettalji għal azzjonijiet ta' titjib. Hija applikabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma u hija għodda funzjonali għall-implimentazzjoni prattika ta' din il-metodoloġija.

Riżultati miksuba

Airbus France:

- Jeżisti għarfien akbar tal-importanza tal-ġestjoni tal-bidla u l-effetti li r-riskji psikosoċjali jista' jkollhom fuq is-suċċess tal-proġett.
- Għe nnutat li huwa meħtieġ mill-manigġers u l-parteċipanti numru relattivament żgħir ta' ħin (madwar sitt sigħat ta' xogħol għal madwar 15-il persuna) biex jiġu osservati benefiċċji sinifikanti.
- Il-metodoloġija standard tal-ġestjoni tal-proġett tal-Airbus issa se tinkludi ġestjoni ta' tibdil aktar eżawrjenti li tinkludi l-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali.

Airbus Spain:

- Jeżisti għarfien akbar tar-riskji psikosoċjali u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.
- Wara l-evalwazzjoni mill-ġdid, il-progress jista' jidher fil-fatturi ta' parteċipazzjoni u prestazzjoni tal-irwol fi kważi r-rapporti kollha.
- Dan l-approċċ għe estiż b'suċċess lejn postijiet tax-xogħol li qegħdin fi provinċji differenti.
- Il-firxa ta' azzjonijiet potenzjali kompliet tiżdied u issa l-proċess jista' jassisti numru akbar ta' ħaddiema.

Issir reviżjoni sistematika tal-impatti tal-bidla fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol inklużi l-piż tax-xogħol. l-awtonomija u r-rikonnoxximent fuq il-post tax-xogħol.

Miżuri ta' prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali fi grupp industrijali internazzjonali kbir

IMFAĦĦRA

Schneider Electric, Franza

www.schneider-electric.com

Il-kwistjoni

Schneider Electric, grupp ta' utilitajiet elettriċi, mill-2002, irrikonoxxa l-importanza ta' riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. B'20 000 ħaddiem f'20 sit, din hija sfida kontinwa u mill-2009 il-kumpanija adottat approċċ aktar sistematiku għar-riskji psikosoċjali. Xi oqsma ġew identifikati li għandhom bżonn fokus aktar speċifiku fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-riskji psikosoċjali. Kif xieraq, il-maniġment iddeċieda li jieħu miżuri li jindirizzaw dawn l-oqsma.

L-azzjoni meħuda

Il-kumpanija introduċiet approċċ preventiv, deskritt fil-ftehim tal-kumpanija mill-imsieħba soċjali, billi ntużaw l-persunal u r-riżorsi interni li diġà huma disponibbli. Sabet li biex tkun rikonoxxuta l-importanza tar-rwol li għandhom il-persuni fil-livelli kollha fl-organizzazzjoni, jiswa ftit li xejn. L-evalwazzjoni sistematika tar-riskju psikosoċjali (pereżempju, evalwazzjonijiet tar-riskju fil-fond minn grupp ta' ħidma parteċipattiv) kienet ċentrali għas-suċċess ta' din l-istrateġija.



Ġie stabbilit programm ta' prevenzjoni għal kull sit li, fejn meħtieġ, baqa' nieżel sal-livell tal-unità organizzattiva. Dan il-programm ġie mfassal biex jidentifika l-perikli u jevalwa r-riskji permezz ta'approċċ parteċipattiv b' evalwazzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol. Kellu l-għan ukoll li jħarreġ lill-persunal involut fil-prevenzjoni biex jiżviluppa lingwa komuni u jkun attent għar-riskji psikosoċjali, inkluż l-eżawriment, u jiżviluppa għodod għall-prevenzjoni tal-bulliżmu jew riskji ta' suwiċidju u jgħin lill-ħaddiema affettwati jibqgħu fl-impjieg.

Ġie stabbilit programm ta' taħriġ biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-perikli, ir-riskji u l-konsegwenzi tar-riskji psikosoċjali u l-prevenzjoni tagħhom, u dan ġie mfassal għal gruppi differenti ta' ħaddiema. L-evalwazzjoni tar-riskji psikosoċjali ġiet imdaħħla wkoll fl-ippjanar għal kull proġett ta' riorganizzazzjoni. Barra minn hekk, skont il-programm "Cool Site", il-postijiet tax-xogħol ġew imtejba ergonomikament biex ikunu aktar faċli għall-utent u jtejbu l-kwalità tal-ħajja tal-ħaddiema.

Ġie stabbilit kumitat biex jissorvelja l-ftehim u jikkonsolida d-dejta li tirriżulta mill-evalwazzjonijiet tar-riskji psikosoċjali bl-għan li jipproduċi pjanijiet ta' azzjoni għall-pajjiż kollu.

Dawk kollha responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà jaħdmu flimkien għall-kawża komuni li jtejbu l-kwalità tal-ħajja fuq il-post tax-xogħol u jipprevjenu r-riskji psikosoċjali b'mod effettiv.



Riżultati miksuba

Schneider Electric irnexxiela timmobilizza lil daww kollha responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà — il-manigġers, id-dipartiment tal-persunal u l-kumitat għas-saħħa u s-sigurtà — kif ukoll il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom biex jaħdmu flimkien għall-kawża komuni li jtejjbu l-kwalità tal-ħajja fuq il-post tax-xogħol.

Sa issa, numru sinifikanti ta' manigġers, uffiċjali tas-saħħa u s-sigurtà u ħaddiema rċewew taħriġ dwar ir-riskji psikosoċjali. Iż-żieda ta' għarfien dwar ir-riskji psikosoċjali huwa wieħed mis-suġġetti ta' taħriġ ta' prijorità għall-2015.

L-ewwel riżultati mill-miżuri implimentati juru li n-numru ta' manigġers li jbatu minn eżawriment naqas b'aktar minn 50 %.

Implimentazzjoni ta' inċentivi ta' kumpanija biex jitnaqqsu l-istress u r-riskji psikosoċjali

IMFAĦĦRA

Cofely Italia SpA, l-Italja

www.cofely-gdfsuez.it

Il-kwistjoni

Bħal ħafna organizzazzjonijiet li ppruvaw joħroġu mill-kriżi finanzjarja globali, il-kumpanija ta' kostruzzjoni Cofely Italia kienet qed tiġi sfurzata żżomm il-livelli ta' produzzjoni għoljin u l-ispejjeż baxxi, li bħala riżultat, intensifikaw il-piżijiet tax-xogħol. Waqt fużjoni korporattiva, in-numru tal-ħaddiema tagħha beda jonqos b'mod gradwali u l-persunal li kien għad baqa' ħassu inċert dwar il-futur tax-xogħol tiegħu. Peress li dawn il-fatturi kollha setgħu jwasslu għal żidiet potenzjali fl-assenteiżmu u l-aċċidenti, ittiegħet azzjoni biex jiġi stabbilit ambjent tax-xogħol psikosoċjali tajjeb.

L-azzjoni meħuda

Fl-2010 twettqu żewġ studji separati biex jiġu identifikati l-kawżi tar-riskji psikosoċjali: evalwazzjoni tar-riskju tal-istress relatat max-xogħol u s'fharriġ dwar l-ambjent tax-xogħol. Flimkien ikkonfermaw il-bżonn li jiżdied l-involvement tal-maniġment fi kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà u li titjeb il-komunikazzjoni mal-persunal u jiżdied l-għarfien u l-involvement tagħhom. Enfasizzaw ukoll l-importanza li jistabbilixxu inizjattivi għat-titjeb fl-istruttura korporattiva, primarjament billi jinvolvu l-manigjers u s-superviżuri tal-kumpanija.

Inizjattivi għat-titjeb tax-xogħol li ffokaw fuq l-irwol ċentrali li għandu l-persunal bħala mezz li jtejjeb il-benesseri individwali u jżid il-produttività u t-tkabbir kienu ċentrali għas-suċċess ta' dan il-proġett. Ġew introdotti, pereżempju, żjarat ta' sigurtà preventivi bħala għodda biex jenfasizzaw kwalunkwe problemi jew diffikultajiet potenzjali iżda wkoll biex jinstabu soluzzjonijiet komuni, jitressqu inizjattivi ta' titjeb u jissaħħu prattiki tajba. L-aspetti li ġew studjati matul iż-żjarat inkludew l-organizzazzjoni tax-xogħol, l-ambjent tax-xogħol u l-attivitajiet li twettqu. Waħda mill-isfidi ewlenin li ġew indirizzati kienet li jingħelbu l-ostakli perċepiti bejn il-ħaddiema u l-manigjers, li kienet teħtieġ li jiġi stabbilit ambjent ta' fiduċja reċiproka.

Cofely Italia rrikonoxxiet l-irwol fundamentali u kruċjali tal-komunikazzjoni. Il-komunikazzjoni mal-persunal saret aktar effettiva aktar mal-manigjers bdew ikunu involuti aktar u jkunu preżenti fil-post tal-produzzjoni waqt l-attivitajiet operattivi, fejn ħallew warajhom l-irwol korporattiv tagħhom. Dan l-impenn mill-manigjers, flimkien mal-involvement u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema kollha, għenu lill-kumpanija timxi lejn approċċ proattiv u kultura ta' prevenzjoni komuni.

Barra minn hekk, ġew immedija żewġ inizjattivi għas-saħħa preventiva fl-2014: skrinjar ta' ħaddiema aktar anzjani għal mard tal-qalb u servizz tat-telefown li jipprovi konsulenza u appoġġ psikoloġiku. Iż-żewġ inizjattivi huma disponibbli mingħajr ħlas għall-ħaddiema kollha.





Riżultati miksuba

- In-numru ta' aċċidenti naqas b'85 % bejn l-2010 u l-2013.
- In-numru ta' żjarat għal saħħa preventiva li twettqu żdied minn 208 fl-2011 għal 438 fl-2013. Kien hemm nuqqas konsiderevoli (ta' madwar 80 %) fin-numru ta' każijiet ta' imġiba "mhux sikura" osservati.
- Fi stħarriġ li sar fl-2013, kważi 5 % tal-ħaddiema wieġbu "Sa ċertu punt" jew "Żgur li le" għad-dikjarazzjoni 'Jien inħobb naħdem f'dan l-ambjent'. Dan jittqabbel ma' aktar minn 30 % fl-2010. L-istħarriġ wera wkoll li l-ħaddiema kienu aktar motivati, ħassewhom aktar impenjati lejn il-kumpanija u kienu konxji tal-irwol li għandhom.

Inizjattivi għal titjib fuq ix-xogħol li jiffokaw fuq l-irwol ċentrali li għandu l-persunal kienu ewlenin għas-suċċess ta' dan il-proġett.

Programm komprensiv għall-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali fl-amministrazzjoni tal-gvern

IMFAĦĦRA

Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Malta

opm.gov.mt/en/PAHRO/Pages/PAHRO.aspx

Il-kwistjoni

Problemi li ġew osservati f'numru ta' dipartimenti kienu jinkludu żieda fl-assenteiżmu minħabba mard, żieda fiċ-ċaqliq tal-persunal, piż tax-xogħol għoli u eżiġenzi tax-xogħol. Irriżulta li ftit kienu qed jitwettqu evalwazzjonijiet jew interventi għal riskji psikosoċjali.

L-azzjoni meħuda

L-Amministrazzjoni Pubblika ta' Malta indirizzat ir-riskji psikosoċjali fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni, mill-maniġment sal-ħaddiema.

Id-dipartiment tal-persunal żviluppa programm strutturat sew ta' servizz ta' appoġġ għall-ħaddiema bl-għan li jidentifika r-riskji psikosoċjali u jiżviluppa u jimplimenta miżuri ta' kontroll xierqa biex jindirizza dawn ir-riskji. Il-programm, li juża approċċ preventiv għar-riskji psikosoċjali, ikopri l-forniment ta' evalwazzjonijiet tar-riskju, l-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi ta' kontroll, korsijiet ta' taħriġ, seminars, servizzi ta' informazzjoni u servizzi ta' konsulenza. Enfasizza l-bżonn li jiffoka fuq livelli primarji ta' intervent inkluż l-introduzzjoni ta' politiki dwar stress relatat max-xogħol, il-bulliżmu u l-fastidju, u indirizza kemm il-livelli sekondarji (it-taħriġ u s-sessjonijiet ta' tagħrif) kif ukoll daww terzjarji ta' intervent (l-appoġġ individwali).

L-ewwel, twettqu evalwazzjonijiet tar-riskji psikosoċjali fil-ministeri kollha sabiex tinġabar dejta dwar ir-riskji psikosoċjali u l-effetti tagħhom fuq il-benesseri tal-ħaddiema. Dan inkluda kwestjonarji formali kif ukoll intervisti individwali semistrutturati u gruppi fokus.

Wara, ġew organizzati inizjattivi ta' taħriġ. Dawn inkludew kors ta' taħriġ inizjali ta' 32 siegħa dwar ir-riskji psikosoċjali għall-maniġment superjuri, li ntuża wkoll biex jippreżenta u jiġu diskussi r-riżultati mill-evalwazzjonijiet tar-riskji primarji. Ġew organizzati 10 sessjonijiet ta' informazzjoni ġenerali u konferenza ta' tnedija għall-maniġment biex jiġi introdott il-programm u s-servizzi l-ġodda, segwiti minn 33



sessjoni ta' żieda ta' għarfien għall-maniġment intermedju u aktar minn 300 sessjoni għall-ħaddiema li indirizzaw kwistjonijiet ta' stress relatat max-xogħol, is-saħħa mentali u riskji psikosoċjali oħra.

Fl-aħħar, ġie żviluppat servizz ta' konsulenza għall-ħaddiema li l-prestazzjoni tax-xogħol tagħhom kienet qed tiġi affettwata minn kwistjonijiet relatati max-xogħol u/jew kwistjonijiet personali, inkluż l-istress. Intużaw sessjonijiet ta' għarfien u fuljett biex jipromwovu l-użu ta' dan is-servizz.



Riżultati miksuba

Huwa ċar li hemm żieda fl-għarfien tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol kif ukoll ta' stress relatat max-xogħol fost il-ħaddiema u l-maniġment. Dan ma jistax jiġi kwantifikat iżda jista' jinħass permezz tan-numru ta' talbiet għal assistenza minn dipartimenti differenti kif ukoll minn ħaddiema fir-rigward tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol.

F'evalwazzjoni ta' taħriġ, il-maġġoranza tal-parteċipanti ddikjarat li kienu sodisfatti bl-inizjattivi u ssuġġerew li għandhom jiġu organizzati sessjonijiet kontinwi ta' għarfien. Il-maġġoranza tal-ħaddiema ddikjarat ukoll li kienu sodisfatti ħafna bis-servizz ta' konsulenza u jirrakkomandawh lill-kollegi.

Twettqu evalwazzjonijiet tar-riskji psikosoċjali fil-ministeri kollha sabiex tinġabar dejta dwar il-benesseri ġenerali fost il-ħaddiema u jiġu żviluppati miżuri ta' prevenzjoni.

Approċċ organizzattiv għall-ġestjoni preventiva ta' riskji psikosoċjali

IMFAĦĦRA

L-Istitut tal-Onkoloġija Portugiż (O Porto) ⁽¹⁾, il-Portugall

www.ipoportu.min-saude.pt

Il-kwistjoni

L-Istitut tal-Onkoloġija Portugiż, O Porto, sptar ta' speċjalizzazzjoni, huwa organizzazzjoni kumplessa li tintegra diversi gruppi u servizzi professjonali. L-isfida tal-Istitut hija li jiżgura l-prevenzjoni effettiva tat-tipi kollha ta' riskji psikosoċjali — bħall-istress, l-eżawriment, il-pressjoni emozzjonali, il-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol — fl-organizzazzjoni kollha.

L-azzjoni meħuda

Il-ġestjoni tar-riskju fl-Istitut hija bbażata fuq approċċ organizzattiv għall-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa. Hija trattata bħala funzjoni strateġika tal-organizzazzjoni.

L-evalwazzjoni tar-riskju sistematika hija ċentrali għall-qafas ġenerali tal-Istitut għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Kull xogħol huwa suġġett għall-proċess tal-evalwazzjoni tar-riskju. Kwestjonarju ġenerali ta' evalwazzjoni jintuża biex jiġu identifikati r-riskji psikosoċjali ewlenin u jiġi żviluppat rapport ta' evalwazzjoni bi pjan propost ta' intervent psikosoċjali u dawn jiġu diskussi minn grupp fokus.

Politiki bil-miktub għall-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali jiżguraw l-impenn mit-tmexxija u l-parteċipazzjoni tal-manigġers u l-ħaddiema fil-proċess ta' ġestjoni preventiva. L-organizzazzjoni hija maqsuma fi 80 taqsima ta' ġestjoni tar-riskju fejn kull taqsima hija koordinata minn manigġer tar-riskju lokali. Il-manigġer intermedju huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-attivitajiet tar-riskji psikosoċjali fid-dipartimenti tagħhom. Kemm il-manigġers kif ukoll il-ħaddiema jipparteċipaw f'attivitajiet ta' ġestjoni tar-riskju, bħal sessjonijiet ta' brainstorming, gruppi fokus, kwestjonarji, sħarriġ dwar il-bżonnijiet tas-saħħa u

jiżviluppaw pjanijiet għas-saħħa u t-taħriġ. Ġie mfassal pjan ta' taħriġ annwali b'azzjonijiet relatati mal-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali. Barra minn hekk, jiġu distribwiti fuljetti u rapporti fuq bażi regolari.

Il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali u l-promozzjoni tas-saħħa titwettaq abbażi tal-kompetenzi ta' psikologu tas-saħħa okkupazzjonali, li jikkoopera fejn meħtieġ mat-tabib okkupazzjonali u tekniku responsabbli għas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Il-każijiet l-aktar kumplessi jiġu mmaniġġjati minn psikologu jew espert estern ieħor.

Fl-aħħar, ġew stabbiliti inizjattivi biex jinkoraġġixxu lill-ħaddiema jimmaniġġjaw is-saħħa tagħhom infushom bħal kampanji ta' kontra t-tipjip, li jinkoraġġixxu waqfiet għal



Il-valutazzjoni tar-riskju sistematika hija fiċ-ċentru tal-qafas ġenerali tal-Istitut għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol.

⁽¹⁾ L-attivitajiet implimentati kienu bbażati fuq kontribut mill-Professor J. Aguiar Coelho, Amministratur tal-Ispatar u pijunier fil-Portugall fl-istudju, it-tqassim u l-implimentazzjoni ta' prattiki ta' prevenzjoni tal-istress u tar-riskji psikosoċjali fl-ispatrijiet.

attività fiżika waqt il-ħin tax-xogħol u sħubiji ma' faċilitajiet lokali ta' eżerċitazzjoni fiżika.

Riżultati miksuba

- Mill-2006, ġew żviluppati 25 evalwazzjoni tar-riskju psikosoċjali. Ġew żviluppati wkoll diversi proġetti għal saħħa fuq il-post tax-xogħol.
- Mill-2010, saru 57 attività ta' taħriġ fuq is-suġġett tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali.
- L-isptar osserva tnaqqis fl-assenteiżmu u l-livelli tal-istress.
- Minħabba li l-problemi jiġu riżolti pjuttost milli injorati, hemm titjib fis-sodisfazzjoni tax-xogħol fost il-ħaddiema u ambjent tax-xogħol psikosoċjali mtejjeb.



Ġestjoni effiċjenti ta' riskji psikosoċjali f'kumpanija petrokimika

IMFAĦĦRA

Slovnaft, a.s., is-Slovakkja

slovnaft.sk/sk

Il-kwistjoni

Lx-xogħol fi Slovnaft, parti mill-industrija petrokimika, jinvolti prinċipalment l-operazzjoni tas-sistemi ta' kontroll u makkinarju. Il-kumpanija mmirat li tidentifika x-xogħlijiet u l-attivitajiet li kienu l-aktar perikolużi mhux biss għas-saħħa tal-ħaddiema iżda wkoll għall-prestazzjoni ġenerali tal-kumpanija. L-iżball uman huwa s-sors ta' ħafna aċċidenti kbar industrijali; billi jiġu evalwati b'mod sistematiku r-riskji psikosoċjali, Slovnaft immirat li tnaqqas l-iżball uman u tipprevjeni aċċidenti u problemi tas-saħħa relatati mal-istress.

L-azzjoni meħuda

Slovnaft nediet il-proġett tagħha COHESIO (Konformità mas-Saħħa Okkupazzjonali tal-Ergonomija u Identifikazzjoni Aħjar tal-Istress) fl-2012, li jiffoka fuq tliet oqsma: il-ġestjoni tal-istress, ix-xogħol bix-xift u l-ergonomija. Fl-ewwel qasam, l-għanijiet kienu li jiġu eliminati jew minimizzati r-riskji psikosoċjali, titjieb il-produttività u jitnaqqas l-assenteiżmu minħabba mard b'riżultat ta' l-impatt negattiv tar-riskji psikosoċjali.

B'kooperazzjoni mal-fornitur tas-servizz tas-saħħa okkupazzjonali, twettqu evalwazzjonijiet tar-riskju psikosoċjali fi tmien unitajiet tal-produzzjoni fost total ta' 800 ħaddiem.

Ġie implimentat l-approċċ preventiv b'appoġġ sħiħ mill-maniġment u l-involviment tal-persunal — il-ħaddiema qed jieħdu sehem f'attivitajiet iddedikati għall-protezzjoni

tas-saħħa u huma konxji mill-importanza ta' dan fir-rigward tax-xogħol tagħhom.

Wieħed mill-għanijiet tal-proġett kien l-identifikazzjoni tal-pożizzjonijiet tax-xogħol u tal-attivitajiet li huma perikolużi u fejn "il-fattur uman" għandu rwol importanti. Meta ġestit b'mod ħażin, jista' jkollhom konsegwenzi għall-ħajja u s-saħħa tal-ħaddiem, il-popolazzjoni tal-viċinat, l-ambjent u l-kumpanija nnifisha. Ġie implimentat taħriġ prattiku ta' simulazzjoni ta' emerġenza biex titnaqqas il-probabbiltà tal-istress li jidher f'varjetà ta' sitwazzjonijiet u jittejbu l-ħiliet tal-ħaddiema biex jitrattaw dawn is-sitwazzjonijiet. Ġiet eżaminata wkoll il-kumdità tat-tagħmir personali protettiv.

Barra minn hekk, ġie organizzat seminar dwar il-ġestjoni tal-istress biex jiżdied l-għarfien tal-ħaddiema dwar din il-kwistjoni. Sessjoni ta' taħriġ ta' ġurnata kopriet, fost suġġetti oħra, it-tagħrif bażiku tas-suġġett, il-ħiliet ta' komunikazzjoni u l-indirizzar ta' strateġiji tal-istress.

Attivitajiet oħra kienu jinkludu l-istabbiliment ta' eżaminazzjonijiet preventivi — eżaminazzjonijiet mediċi, komprensivi, immirati u kontrolli psikoloġiċi.

Barra minn hekk, ġew organizzati attivitajiet għall-promozzjoni tas-saħħa bħal pilates, u ġew stabbiliti klabbs sportivi biex jinkoraġġixxu l-eżerċizzju regolari fost il-ħaddiema. Fil-programm "Ikkel Bnin", speċjalista dijetetiku evalwa l-ikel disponibbli għall-persunal fil-kantin u ssuġġerixxa alternattivi bnini biex jiżdiedu mal-menu.





Riżultati miksuba

It-taħriġ prattiku ta' simulazzjoni ta' emerġenza ġie kkunsidrat mill-ħaddiema bħala l-aktar sessjoni ta' taħriġ ta' valur. F'dawk l-erba' snin minn mindu ġie introdott it-tagħmir għall-ittestjar ta' simulazzjoni ta' emerġenza, kien hemm żewġ emerġenzi ġenwini; l-operaturi kkonfermaw li mmaniġġjaw aħjar kull waħda mis-sitwazzjonijiet. Fi sħarriġ dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, tliet kwarti mill-ħaddiema esprimew is-sodisfazzjoni tagħhom bl-attivitajiet li twettqu.

Il-kumpanija rat tnaqqis kemm fir-rata ta' korriment kif ukoll fl-assenteiżmu minħabba mard.

Il-ħaddiema jħossuhom aktar kuntenti minħabba t-titjib fil-kumdità meta jużaw it-tagħmir personali protettiv.

It-taħriġ prattiku ta' simulazzjoni ta' emerġenza naqqas il-probabbiltà li tirriżulta sitwazzjoni stressanti għall-ħaddiema u tejjeb ukoll il-ħiliet tagħhom.

Xogħol tajjeb! Azzjoni għall-benesseri fuq ix-xogħol

IMFAĦĦRA

L-Isptar tad-Distrett ta' Satakunta, il-Finlandja

www.satshp.fi

Il-kwistjoni

Il-qasam soċjali u tal-kura tas-saħħa iħaddem persunal tekniku, tat-tindif, tal-forniment tal-ikel u amministrattiv, flimkien mal-professionisti mediċi bħat-tobba u l-infermieri li jiltaqgħu mal-pubbliku. Il-kulturi tax-xogħol differenti ta' dawn il-gruppi okkupazzjonali, kif ukoll id-distribuzzjoni tas-siti tax-xogħol fir-reġjun, għamluha diffiċli għall-Isptar tad-Distrett ta' Satakunta, b'3 600 ħaddiem, biex jiżviluppa arranġamenti komprensivi li jiżguraw il-benesseri okkupazzjonali tal-ħaddiema.

L-azzjoni meħuda

Fl-2008, l-Isptar tad-Distrett ta' Satakunta introduċa programm ħolistiku għall-benesseri fuq il-post tax-xogħol bl-isem "Xogħol Tajjeb", b'erba' oqsma ta' enfasi: it-tmexxija produttiva, l-assigurazzjoni tat-tagħrif, komunità tax-xogħol ta' suċċess u xogħol ta' motivazzjoni u sinifikanti.

Fl-ewwel stadju tal-programm (2008–2010), ġew aġġornati numru ta' linji gwida għall-ġestjoni tal-persunal u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS). Fit-tieni stadju (2011–2013), kull unità tax-xogħol fasslet il-pjan tagħha għall-benesseri fuq il-post tax-xogħol. Fl-istadju attwali (2014–2016), qed jiffokaw fuq l-organizzazzjoni u l-proċessi tax-xogħol, filwaqt li jirrikonoxxu li l-benesseri fuq il-post tax-xogħol ma tistax "tinħoloq", hija xi ħaġa li tirriżulta mill-organizzazzjoni tax-xogħol tajba.

Il-fatturi strutturali, bħat-tmexxija, il-ġestjoni tat-tagħrif, proċeduri mingħajr xkiel, iż-żamma ta' atmosfera tax-xogħol tajba u t-titjib fl-ambjent tax-xogħol huma r-responsabbiltà tas-superviżuri. Diversi għodod u proċeduri ġew imfassla biex jindirizzawhom. Il-kontribuzzjoni tal-ħaddiema hija ugwalment importanti. Il-ħaddiema huma mħeġġa jestendu l-kapaċitajiet tagħhom u jaċċessaw l-opportunitajiet ta' taħlim.

Miżuri oħra biex titjeb l-organizzazzjoni tax-xogħol u tiġi promossa l-kultura ta' OHS jinkludu l-iżvilupp ta' komunikazzjoni interna, appoġġ lill-unitajiet waqt iż-żminijiet tal-bidla u stabbiliment ta' miżuri ta' OHS fl-unitajiet tax-xogħol. Mudell operattiv dwar "l-idoneità għax-xogħol" li jpoġġi fil-mira ħaddiema tajbin għal xogħol part-time ġie żviluppat biex jiġi evitat irtirar kmieni. Is-superviżuri ġew mogħtija taħriġ fit-tmexxija u fl-appoġġ tal-iżvilupp tat-tagħrif. Inħoloq proċess biex jittratta l-problemi fuq ix-xogħol u s-sitwazzjonijiet ta' sfida jiġu riżolti permezz ta' xogħol kollaborattiv.

Fl-2014, tnediet il-kampanja "attività ta' ġurnata tax-xogħol" li għandha l-għan li żżid l-attività fiżika fost il-persunal. Il-kampanja bdiet b'eżaminazzjoni bażika tal-kundizzjonijiet fiżiċi tal-ħaddiema. Aktar minn 1 500 ħaddiem irreġistraw għall-programm.





Riżultati miksuba

- Tnaqqas l-assenteiżmu minħabba mard b'9.1 % fil-perjodu bejn l-2013 u l-2014 (ekwivalenti għal tfaddil ta' kważi 1.5 miljun EUR).
- L-ippjanar għall-idoneità għax-xogħol ipproduċa tfaddil nett ta' aktar minn miljun EUR għall-2013 biss.
- Kien hemm tnaqqis fin-numru ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol (b'25 % kull sena).
- Studju li twettaq fost il-ħaddiema wera li s-sodisfazzjon tax-xogħol tjejb.

Il-benesseri fuq il-post tax-xogħol ma jistax "jinħoloq", hija xi ħaġa li tirriżulta mill-organizzazzjoni tax-xogħol tajba.

Approċċ komprensiv biex jiġu eliminati r-riskji psikosoċjali

IMFAĦĦRA

Fabbrika TOFAŞ, Bursa, it-Turkija

www.tofas.com.tr

Il-kwistjoni

Il-manifattur tal-vetturi TOFAŞ huwa konxju li kundizzjonijiet tax-xogħol mhux xierqa, tagħmir inadegwat u livelli baxxi ta' attività fiżika huma perikolużi għas-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema. Il-kumpanija xtaqet toħloq ambjent tax-xogħol tajjeb u pjaċevoli u tippromwovi s-saħħa tal-ħaddiema tagħha.

L-azzjoni meħuda

TOFAŞ stabbiliet programm komprensiv "Programm Ħaddiema Kuntenti" li jiffoka fuq is-saħħa u l-benesseri tal-ħaddiema u jkopri kemm l-ambjent tax-xogħol kif ukoll l-attivitàjiet tal-ħaddiema. Għe rikonoxxut li l-għan finali — ħaddiema b'saħħithom u kuntenti — ma setax jintlaħaq mingħajr l-appoġġ kontinwu tal-maniġment.



L-element "Analiżi tal-Istress" kellu l-għan li jsegwi l-problemi ta' stress relatat max-xogħol. Ir-riżultati jiġu diskussi minn kumitati speċjali, attivitàjiet rilevanti jiġu ppjanati biex itaffu l-problemi u jittieħdu l-passi amministrattivi meħtieġa. It-titjib, li jiffoka, pereżempju, fuq il-monitoraġġ u l-aġġustament tal-pass tax-xogħol, huma appoġġjati mill-maniġment superjuri u għandhom rwol importanti fit-tnaqqis tal-istrapazz tax-xogħol bl-għan li jinkiseb ambjent tax-xogħol nieqes mill-istress.

L-element "Spazji għal Ħajja Kuntenta" kellu wkoll l-għan li joħloq kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar. Għew implimentati titjib ergonomiku u diversi faċilitajiet għall-użu mill-ħaddiema, inkluż żoni ta' rikreazzjoni, suq għax-xiri u ċinema żgħir.

Barra minn hekk, għe implimentat softwer adattat biex jitnaqqas l-istress billi joħroġ lill-ħaddiema mir-rutina tax-xogħol tagħhom. Kull xift jibda b'eżerċizzji ta' ħames minuti li jippermettu lill-ħaddiema jirrilassaw u jippreparaw għax-xogħol. Barra minn hekk, għew stabbiliti minn voluntiera 11-il klabb ta' rikreazzjoni u 9 klabbs sportivi. Dawn jagħtu kulur lill-ħajja soċjali u kulturali tal-ħaddiema u jgħinu jżidu l-parteċipazzjoni, jippromwovu l-ħsieb kreattiv u jistabbilixxu konnessjonijiet ġodda.

Fl-aħħar, "is-Servizz ta' Assistenza tal-Ħaddiem" jipprovdi informazzjoni u pariri minn esperti tas-saħħa mentali 24 siegħa kuljum sebat ijiem fil-ġimgħa. Is-servizz huwa maħsub li jintuża mhux biss mill-ħaddiema iżda wkoll mill-familji tagħhom. Għandu l-għan li jappoġġja lill-ħaddiema fi żminijiet diffiċli waqt li jiżgura li jkomplu jikkontribwixxu lejn il-kumpanija.



Riżultati miksuba

Ġie osservat titjib ġenerali fil-benesseri ġenerali fost il-ħaddiema, akkumpanjat minn żieda fil-produttività u l-kwalità. Kien hemm ukoll tnaqqis fin-numru ta' problemi tas-saħħa, aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u żbalji umani.

Il-feedback mill-ħaddiema jivverifika li l-isforzi kienu suċċess. Il-fatturi li jaffettwaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u fiżika jiġu mmaniġġjati u r-riskji tal-istress u l-problemi psikosoċjali li jistgħu jinqalgħu tnaqqsu.

It-tnaqqis tal-istrapazz tax-xogħol u l-provvista ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, opportunitajiet għall-interazzjoni soċjali u promozzjoni tas-saħħa jirriżultaw f'ħaddiema b'saħħithom u kuntenti.



KIF TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- aktar minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_en.htm);
mid-delegati fil-pajjiżi mhux tal-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_en.htm);
billi tikkuntatja lis-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_en.htm) jew iċċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru mingħajr ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni li tingħata hija bla ħlas kif inhuma ħafna mit-telefonati (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbuk tħallas).

Pubblikazzjonijiet bi prezz:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>)

Il-Kampanja tal-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa 2014–15, "Inqas stress għal aktar saħħa fuq ix-xogħol", tenfasizza l-importanza li wieħed jirrikonoxxi l-istress relatat max-xogħol u riskji psikosoċjali oħrajn. Tippirovvi l-ġestjoni tagħhom bħala parti minn approċċ integrat lejn iż-żamma ta' post tax-xogħol li jgħib 'il quddiem is-saħħa.

Il-perikli psikosoċjali jseħħu f'kull post tax-xogħol, iżda jistgħu jkunugestiti tajjeb bi ftit riżorsi. Din il-kampanja tipprovdi l-appoġġ, il-gwida u l-għodod meħtieġa sabiex wieħed jiġġestixxi b'mod effettiv l-istress relatat max-xogħol u r-riskji psikosoċjali.


L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

hija impenjata li tagħmel lill-Ewropa post tax-xogħol aktar sikur, inqas perikoluż u aktar produttiv. L-Aġenzija tirriċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, bilanċjata u imparzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u torganizza kampanji pan-Ewropej għal aktar sensibilizzazzjoni. Imwaqqfa mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, l-Aġenzija għib flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, tal-gvernijiet tal-Istati Membri, ta' dawk li jħaddmu u ta' organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, kif ukoll ta' esperti ewlenin minn kull wieħed mill-Istati Membri u lil hinn minnhom.

Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

C/Santiago de Compostela 12
48003 Bilbao, SPANJA
Indirizz elettroniku:
information@osha.europa.eu

<http://osha.europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet